

APPOĠĠ OPERAZZJONALI



Għodod u metodi għall- promozzjoni tal-aċċettazzjoni u t- teħid tat-tilqim: approċċ tax- xjenza soċjali u tal-imġiba

April 2025

APPOĠĠ OPERAZZJONALI **TAL-ECDC**

Għodod u metodi għall-promozzjoni tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim: approċċ tax-xjenza soċjali u tal-imġiba

April 2025



Dan ir-rapport taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard kien ikkoordinat minn Sarah Earnshaw Blomquist (ECDC) u John Kinsman (ECDC).

Awturi kontribwenti

Emma Appelqvist, espert estern tal-ECDC; u Susana Barragan, Irina Ljungqvist, Gaetano Marrone, Manasvini Moni, Maike Winters u Andrea Wuerz, ECDC.

Dan ir-rapport intbagħat għall-konsultazzjoni lil Siff Malue Nielsen, l-Uffiċċju Reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) għall-Ewropa u Hannah Nohlen, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea.

L-awturi li ġejjin ikkontribwew għal-librerija ta' interventi biex tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tilqim (it-Taqsima 2.2): Keiti Aren, Il-Bord Estonjan tas-Saħħa; Ewa Augustynowicz, l-Istitut Nazzjonali Pollakk tas-Saħħa Pubblika; Ludmila Bezdičková, l-Istitut Ċek għall-Edukazzjoni Medika Postgradwata; Margita Brtošová, l-Awtorità Reġjonali tas-Saħħa Pubblika f'Dolný Kubín, is-Slovakkja; Madelene Danielsson u Hélène Englund, Aġenzija Żvediża għas-Saħħa Pubblika; Zhivka Getsova, Ċentru Nazzjonali Bulgaru għall-Mard Infettiv u Parassitiku; Lucy Jessop, Eżekuttiv tas-Servizz tas-Saħħa tal-Irlanda; Camilla Jordman, Istitut Finlandiż għas-Saħħa u l-Benesseri; Pania Karnaki, Istitut Grieg tal-Prolepsis; Mia Kontio, Istitut Finlandiż għas-Saħħa u l-Benesseri; Stephan Lewandowsky, Università ta' Bristol, ir-Renju Unit; Rasa Liausediene, Ċentru Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika Litwan; Alison Maassen, EuroHealthNet, il-Belġju; Ginreta Megelinskienė, Ministeru tas-Saħħa Litwan; Sirbu Anca Mirela u Adriana Pistol, Istitut Nazzjonali Rumen tas-Saħħa Pubblika; Julia Neufeind, l-Istitut Robert Koch, il-Ġermanja; Dimitrios Paraskevis, Università Nazzjonali u Kapodistrijana ta' Aten; Bo Terning Hansen, Istitut Norveġiż tas-Saħħa Pubblika; u Stine Ulendorf Jacobsen, Awtorità Daniża tas-Saħħa.

Ċitazzjoni ssuġġerita: Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Għodod u metodi għall-promozzjoni tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim: approċċ tax-xjenza soċjali u tal-imġiba. Stokkolma: ECDC; 2025.

Stokkolma, April 2025

ISBN 978-92-9498-796-9

doi: 10.2900/7701140

Numru tal-katalogu TQ-01-25-026-MT-N

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2025

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jiġi rikonoxxut is-sors.

Werrej

Introduzzjoni	1
Kamp ta' applikazzjoni u għan	1
L-udjenzi fil-mira	1
Kif għandek tuża dan id-dokument	2
Kuntest	2
L-aħħar xejriet fil-kopertura tat-tilqim madwar l-UE/iż-ŻEE	2
Popolazzjonijiet fil-mira ewlenin għat-tilqim matul il-ħajja kollha	3
Kif jintużaw it-termini relatati mat-tilqim f'dan ir-rapport	3
Aċċettazzjoni tat-tilqim	3
Eżitazzjoni għat-tilqim	3
It-teħid tat-tilqim	4
Kopertura tal-vaċċini	4
Parti 1. Approċċi tax-xjenza soċjali u tal-imġiba għat-titjib tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim fil-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE	5
1.1 Il-mudell tal-5Cs	5
1.2 Ħidma biex jittejjb l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim fil-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE	7
Parti 2. Għodod u metodi għall-promozzjoni tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim tul il-ħajja kollha	8
2.1 Għodda ta' sħarriġ għall-ġbir ta' <i>data</i> dwar l-imġiba fir-rigward tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim	8
Kif tadatta l-għodda ta' sħarriġ u tiżviluppa l-protokoll tal-istudju u l-pjan ta' analiżi	11
Popolazzjoni fil-mira	11
Daqs tal-kampjun	11
Ġbir tad- <i>data</i>	11
Kampjunar	11
Preżentazzjoni tal-istħarriġ	11
Il-protokoll tal-istudju u l-pjan ta' analiżi	12
Analiżi kwalitattiva	12
Approvazzjoni etika	12
Ir-rapportar u l-interpretazzjoni tad- <i>data</i>	12
Eżempju tal-pjan ta' analiżi	13
Pariri addizzjonali dwar l-analiżi inferenzjali	15
Pariri addizzjonali dwar metodi kwalitattivi	15
Metodi kwantitattivi vs kwalitattivi	15
L-għażla tal-parteċipanti	16
Ġbir tad- <i>data</i>	16
Analiżi tad- <i>data</i>	16
Għodod li jippermettu l-awtoriflessjoni u jtaffu l-preġudizzji	17
Riżorsi oħra	17
2.2 Metodi biex jiġu indirizzati l-ostakli tal-imġiba għat-tilqim	17
Librerija ta' interventi biex tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tilqim	17
Kif għandu jintuża l-qafas tal-5 Stadji tad-WHO għall-istrutturar tal-iżvilupp ta' strateġiji u interventi ta' aċċettazzjoni tat-tilqim	28
Referenzi	31

Illustrazzjonijiet

Illustrazzjoni 1. Il-kontinwum tal-aċċettazzjoni tat-tilqim	3
Illustrazzjoni 2. Ħarsa ġenerali lejn il-Mudell tal-5Cs	5

Tabelli

Tabella 1. Għodda ta' sħarriġ għall-ġbir ta' <i>data</i> dwar l-imġiba fir-rigward tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim	8
Tabella 2. Tifsira ta' punteġġ għoli, abbażi tal-kodiċi ta' analiżi miktub minn qabel	13
Tabella 3. Interventi relatati ma' programmi ta' tilqim fit-tfulija	18
Tabella 4. Interventi relatati mat-tilqim kontra l-virus tal-papilloma uman (HPV)	20
Tabella 5. Interventi relatati mat-tilqim kontra l-COVID-19 u l-influenza	22
Tabella 6. Interventi fuq it-tilqim kontra mard ieħor (mpox, pertussis)	25
Tabella 7. Interventi f'diversi pajjiżi ffinanzjati mill-UE jew parzjalment iffinanzjati mill-UE	26

Introduzzjoni

L-awtoritajiet tas-saħħa pubblika u l-manigiers tal-programmi tat-tilqim jagħtu attenzjoni mill-qrib lit-tendenzi epidemjoloġiċi relatati mal-kopertura subottimali tat-tilqim, pereżempju billi janalizzaw ir-rati ta' kopertura tat-tilqim skont fatturi bħall-età, il-ġeneru, il-pożizzjoni ġeografika, u l-livell tal-edukazzjoni. Madankollu, ġeneralment ikun hemm inqas fokus fuq il-fehim tal-ostakli u l-faċilitaturi soċjali u tal-imġiba – inklużi daww relatati ma' fatturi strutturali – li jistgħu jkun r-raġuni għalfejn individwu jiddeċiedi li jaċċetta, idewwem jew jirrifjuta t-tilqim għalih innifsu jew għat-tfal tiegħu.

Programmi ta' tilqim b'suċċess huma mibnija fuq il-fehim u b'kont meħud tat-twemmin, it-tħassib u l-aspettattivi tal-individwi u tal-komunitajiet fir-rigward tal-vaċċin u l-marda. Il-fiduċja fir-rakkomandazzjonijiet dwar it-tilqim u fl-awtoritajiet rilevanti għandha wkoll rwol ewlieni. F'dan il-kuntest, l-approċċi mix-xjenzi soċjali u tal-imġiba jistgħu jipprovdu komplement importanti għall-analiżi tad-data dwar il-kopertura epidemjoloġika u tal-vaċċini meta jiffasslu, jiġu implimentati u evalwati strateġiji u interventi biex itejbu l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim tul il-ħajja kollha.

Kamp ta' applikazzjoni u għan

Dan ir-rapport jibni fuq aktar minn 15-il sena ta' sforzi tal-ECDC biex jappoġġa lill-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE biex iżidu l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim. B'mod speċifiku, dan jibni fuq ir-rapport tekniku tal-ECDC "Facilitating COVID-19 vaccination acceptance and uptake", ippublikat fl-2021 [1]. Dan jespandi fuq ir-rapport oriġinali bl-inklużjoni ta' għodod u metodi operazzjonali li jinkorporaw l-aħħar approċċi tax-xjenza soċjali u tal-imġiba, b'formati uttilizzabbli u adattabbli li jaqblu mal-kuntesti tal-ħajja reali tal-awtoritajiet tas-saħħa pubblika u l-programmi ta' tilqim.

Ir-rapport huwa ppreżentat f'żewġ partijiet:

Parti 1. L-approċċi tax-xjenza soċjali u tal-imġiba biex jittejjbu l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim fil-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE tiġbor fil-qosor il-Mudell tal-5Cs li jirfed l-għodda tal-istħarriġ fil-Parti 2 u jipprovdi kuntest speċifiku għall-UE/għaż-ŻEE għal daww li se jkun involuti fil-ħidma jew fit-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-promozzjoni tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim.

Parti 2. L-għodod u l-metodi għall-promozzjoni tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim tul il-ħajja kollha jipprovdu għodod u metodi prattiċi li t-timijiet multidixxiplinari jistgħu jużaw biex jiddijanostikaw l-ostakli u l-faċilitaturi soċjali u tal-imġiba tat-tilqim, u b'hekk jappoġġaw it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u interventi biex jindirizzaw il-kopertura subottimali tat-tilqim. Din il-parti tad-dokument tinkludi:

- It-Taqsima 2.1: **Għodda ta' stħarriġ** biex tinġabar data soċjali u tal-imġiba dwar l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim, u tiġi appoġġata d-dijanjożi tal-ostakli u tal-faċilitaturi għat-tilqim f'popolazzjonijiet speċifiċi, magħmula minn:
 - Strument ta' stħarriġ b'mistoqsijiet imfassla u organizzati abbażi tal-ħames Cs fil-Mudell tal-5Cs;
 - Struzzjonijiet dwar kif għandu jiġi adattat l-istrument tal-istħarriġ u kif jiġi żviluppat il-protokoll tal-istudju u l-pjan ta' analiżi;
 - Eżempju ta' pjan ta' analiżi; u
 - Pariri dwar metodi kwalitattivi komplementari.
- It-Taqsima 2.2: Metodi biex jiġu indirizzati l-ostakli tal-imġiba għat-tilqim, inklużi:
 - **Librerija ta' interventi biex tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tilqim** – ikklassifikata minn liema Cs partikolari mill-Mudell tal-5Cs jindirizzaw – li ġew implimentati fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali, biex jispiraw u jinformatu it-tfassil ta' interventi mmirati biex jindirizzaw il-kopertura subottimali tat-tilqim;
 - Struzzjonijiet dwar kif jintuża l-qafas **"5 Stadji għall-applikazzjoni tax-xjenza tal-imġiba"** tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) biex jgħin fl-istrutturar tal-iżvilupp ta' strateġiji u interventi, inkluż kif l-għodod u l-metodi ppreżentati hawnhekk jidhru f'dan il-proċess [2].

L-udjenzi fil-mira

L-udjenzi fil-mira primarji ta' dan ir-rapport jinkludu xjenzati soċjali u tal-imġiba, speċjalisti tal-kampanji u tal-komunikazzjoni, manigiers u timijiet tal-programmi ta' tilqim, u esperti epidemjoloġiċi u bijomediċi li jaħdmu f'awtoritajiet tas-saħħa pubblika nazzjonali u reġjonali fil-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE.

Udjenzi oħra li jistgħu jibbenefikaw minn dan ir-rapport huma daww li jfasslu l-politika u l-mexxejja tas-saħħa pubblika li jistabbilixxu prijoritajiet u baġits fil-qasam tat-tilqim, kif ukoll akkademiċi, gruppi professjonali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq it-tilqim.

Dawn l-udjenzi kollha għandhom rwol fl-iżgurar li l-popolazzjoni jkollha aċċess xieraq u ekwu għall-programmi ta' tilqim, kif ukoll li n-nies jifhmu bis-sħiħ il-benefiċċji tat-tilqim kif ukoll ir-riskji ta' posponiment jew rifjut tat-tilqim.

Kif għandek tuża dan id-dokument

Wara li tirrevedi l-Introduzzjoni, li tiddekrivi l-aħħar xejriet fit-tilqim u xi wħud mit-termini ewlenin użati f'dan ir-rapport, tista' tikkonsulta l-**Parti 1** biex tikseb ħarsa ġenerali tal-Mudell tal-5Cs u sommarju tal-ħidma reċenti biex ittejjeb l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim fil-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE.

Irreferi għall-Parti 2, **it-Taqsima 2.1**, biex tikkonsulta l-għodda tal-istħarriġ u l-istruzzjonijiet dwar kif tadattaha għall-mistoqsijiet tar-riċerka tiegħek, għall-kuntest, għall-popolazzjoni(jiet) tal-istudju, u kwalunkwe vaċċin(i) speċifiku/speċifiċi, kif ukoll biex tistabbilixxi pjan ta' analiżi. Innotta li l-għodda ta' stħarriġ hija disponibbli wkoll bħala [dokument Word li jista' jiġi editat](#) u tista' tniżżel il-[kodiċi ta' analiżi](#), miktub kemm fi Stata kif ukoll f'R.

Ladarba tkun iddefinixxajt u ddiġanjastikajt l-faċilitaturi u l-ostakli għat-tilqim bl-użu tal-għodda ta' stħarriġ, il-librerija ta' interventi biex tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tilqim fit-**Taqsima 2.2** tista' tappoġġak fit-tfassil ta' strateġiji u interventi biex tiġi indirizzata l-kopertura tat-tilqim subottimali, permezz ta' eżempji ta' kif jistgħu jiġu mmirati Cs partikolari. Il-qafas tad-WHO "5 Stadji għall-applikazzjoni tax-xjenza tal-imġiba", deskritt ukoll fit-Taqsima 2.2, jista' jappoġġa l-ippjanar ġenerali tal-proġett għal din il-ħidma [2].

Kuntest

Għalkemm hemm livelli ġenerali relattivament għoljin ta' kopertura tat-tilqim fl-UE/fiż-ŻEE, b'mod partikolari għall-programmi nazzjonali tat-tilqim fit-tfulija, hemm gruppi iżolati ta' persuni mhux imlaqqma jew mhux imlaqqma biżżejjed. Barra minn hekk, ir-rati ta' kopertura tat-tilqim għall-popolazzjonijiet adulti, inkluż it-tilqim staġjonali offrut lill-ħaddiema fit-taqsima tal-kura tas-saħħa u l-boosters offruti lill-adulti akbar fl-età u lill-gruppi ta' riskju, huma subottimali f'ħafna pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE. Huma meħtieġa sforzi kontinwi biex jiġu identifikati lakuni fl-immunità fil-popolazzjoni, inkluż fost dawk li setgħu tilfu jew ittardjaw it-tilqim, u mbagħad biex jiġu implimentati strateġiji u interventi mfassla apposta biex jinkisbu u jiġu sostnuti l-livelli mmirati ta' kopertura tat-tilqim.

Il-pandemija tal-COVID-19 xeħtet dawl fuq kif il-fatturi soċjali u tal-imġiba huma marbuta ma' jekk jiġux segwiti rakkomandazzjonijiet jew le – pereżempju, fuq l-ilbies tal-maskri, ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment u t-tbегħid fiżiku. Il-fatturi ta' mġiba kellhom ukoll impatt sinifikanti fuq l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim matul it-tnedija tal-programmi ta' tilqim kontra l-COVID-19. Barra minn hekk, l-inugwaljanzi soċjali ħolqu ostakli għat-tilqim għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni, li kellhom jiġu identifikati u indirizzati sabiex jiġi żgurat aċċess ekwu għall-programmi ta' tilqim kontra l-COVID-19 [3]. Dawn l-eżempji reċenti juru l-ħtieġa attwali għal għodod operazzjonali biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.

L-aħħar xejriet fil-kopertura tat-tilqim madwar l-UE/iż-ŻEE

Matul il-pandemija tal-COVID-19 ġew irrapportati numri aktar baxxi ta' infezzjonijiet b'mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim. Madankollu, l-għadd ta' każijiet ta' mard bħall-ħosba u l-pertussis żdied wara, matul l-2023 u l-2024. F'diversi pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE, il-kopertura tat-tilqim ta' rutina fit-tfulija kontra l-ħosba hija taħt il-livell irrakkomandat (≥ 95 % tal-popolazzjoni eliġibbli mlaqqma b'żewġ dożi tal-vaċċin li fih il-ħosba) biex jiġu evitati tifqigħat tal-ħosba u jiġu protetti dawk li huma żgħar wisq biex jitlaqqmu jew dawk li ma jistgħux jiġu immunizzati għal raġunijiet mediċi[4]. Diversi fatturi kkontribwew għaż-żieda reċenti fil-każijiet tal-pertussis, inkluża l-preżenza ta' individwi mhux imlaqqma jew b'tilqim li mhuwiex aġġornat. Barra minn hekk, inqas esponiment għall-virus – li jista' jipprovdni spinta naturali – minħabba t-tbегħid fiżiku matul il-pandemija tal-COVID-19 seta' wassal biex l-immunità tonqos [5].

It-teħid tat-tilqim kontra l-influenza staġjonali – li huwa rakkomandat għal adulti akbar fl-età u għal gruppi oħrajn f'riskju oġġla ta' kumplikazzjonijiet serji, kif ukoll għall-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa – jibqa' subottimali madwar l-UE/iż-ŻEE [6]. Il-kopertura hija ħafna drabi ferm taħt l-oġġettiv stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2009, li hija kopertura ta' tilqim ta' 75 % tal-adulti akbar fl-età u gruppi oħra ta' riskju. Barra minn hekk, ir-rati ta' kopertura tat-tilqim għall-adulti akbar fl-età, kif ukoll għall-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, urew xejra ta' tnaqqis fl-istaġun tal-influenza 2023–2024 meta mqabbla mal-perjodi preċedenti[6,7].

Minħabba ċ-ċirkolazzjoni kontinwa tal-virus tas-SARS-CoV-2, il-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE jkomplu jkollhom fis-seħħ rakkomandazzjonijiet ta' tilqim kontra l-COVID-19, b'xi differenzi fost il-pajjiżi (eż. limiti tal-età li jvarjaw). Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali huma prinċipalment iffokati fuq gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni f'riskju oġġla li jiżviluppaw mard sever (eż. adulti akbar fl-età u persuni b'kundizzjonijiet tas-saħħa sottostanti). Iżda minkejja rakkomandazzjonijiet bħal dawn, it-teħid tat-tilqim kontra l-COVID-19 huwa ġeneralment baxx. Għat-28 pajjiż tal-UE/taż-ŻEE li pprovdew *data* għall-grupp ta' età ta' 60 sena u aktar, il-kopertura medjana tat-tilqim kontra l-COVID-19 minn Settembru 2023 sa Lulju 2024 kienet ta' 14.0 % (firxa: 0.02–66.1 %), b'varjazzjoni għolja fost il-pajjiżi. Għas-27 pajjiż tal-UE/taż-ŻEE li pprovdew *data* għall-grupp ta' età ta' 80 sena u aktar, il-kopertura medjana kienet ta' 21.5 % (firxa: 0.03–93.9 %), anke b'varjazzjoni għolja bejn il-pajjiżi[8].

Popolazzjonijiet fil-mira ewlenin għat-tilqim matul il-ħajja kollha

Dan ir-rapport jirrakkomanda "approċċ ta' tul il-ħajja kollha" biex tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim. L-aġenda tal-immunizzazzjoni tad-WHO tal-2030 tiddikjara li "Il-persuni kollha jibbenefikaw minn immunizzazzjonijiet irrakkomandati matul il-ħajja kollha, integrati b'mod effettiv ma' servizzi tas-saħħa essenzjali oħrajn" [9]. B'approċċ ta' tul il-ħajja kollha, l-individwi huma rrakkomandati tilqim differenti skont l-età u l-ħtiġijiet tas-saħħa tagħhom matul ħajjithom kollha. Konsegwentement, il-valutazzjoni tal-aċċettazzjoni tat-tilqim f'popolazzjoni jenħteġ li tqis il-vaċċini speċifiċi rrakkomandati għal gruppi ta' età speċifiċi u gruppi fil-mira oħra, kif ukoll il-kuntest lokali fir-rigward tal-programmi ta' tilqim.

Il-popolazzjonijiet fil-mira ewlenin għat-tilqim matul il-ħajja kollha jinkludu:

- Ġenituri, li jiġu offruti tilqim għat-tfal jew għall-adolesxenti tagħhom bħala parti mill-programmi nazzjonali ta' immunizzazzjoni;
- Adulti akbar fl-età;
- Persuni tqal;
- Gruppi li medikament jinsabu f'riskju, bħal persuni li huma immunokompromessi;
- Individwi u komunitajiet soċjalment vulnerabbli; u
- Ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, li mhumiex biss importanti f'termini ta' aċċettazzjoni tat-tilqim għalihom infushom, iżda wkoll għar-rwol tagħhom fir-rrakkomandazzjoni u l-ispejgazzjoni tal-valur tat-tilqim lill-pazjenti tagħhom.

Kif jintużaw it-termini relatati mat-tilqim f'dan ir-rapport


Ir-raġunijiet għal rati ta' kopertura ta' tilqim subottimali f'popolazzjoni jistgħu jkunu multifattorjali, u jistgħu jinkludu fatturi komportamentali, kulturali, politiċi, ekonomiċi u soċjetali. [10–12] Minħabba l-użu varjat tat-termini relatati mal-imġiba fir-rigward tat-tilqim, kif ukoll mat-tilqim b'mod aktar wiesa', hawn taħt qed tingħata kjarifika dwar kif dawn it-termini jintużaw f'dan ir-rapport.

Aċċettazzjoni tat-tilqim

Dan ir-rapport jiffoka fuq l-aċċettazzjoni tat-tilqim. It-terminu jirreferi għar-rieda u l-intenzjoni li persuna titlaqqam. Hu jirrikonoxxi l-komplessità tal-istrutturi u l-fatturi ambjentali li jinfluwenzaw id-deċiżjoni ta' persuna li titlaqqam. Ir-referenza għall-aċċettazzjoni tat-tilqim titbiegħed wkoll mit-tqegħid tat-tort fuq individwu, li jista' b'mod naturali jkollu mistoqsijiet dwar it-tilqim u/jew vaċċini speċifiċi, u li għalhekk jista' jkun "eżitanti". Barra minn hekk, l-aċċettazzjoni hija mifhuma li teżisti tul kontinwum li jibda mill-aċċettazzjoni sħiħa sar-rifjut dirett, u l-maġġoranza tal-persuni li mhumiex ċerti dwar il-vaċċin se jaqgħu xi mkien fin-nofs ta' dak il-kontinwum (Illustrazzjoni 1) [13].

It-terminu "aċċettazzjoni tat-tilqim" jimplika li, meta jiġu ppreżentati b'opportunità biex jitlaqqmu, individwu jew komunità jagħżlu li jagħmlu dan [14]. Madankollu, huwa importanti wkoll li jiġi rikonoxxut li d-disponibbiltà tat-tilqim – pereżempju, f'ċentru tas-saħħa – mhux neċessarjament tipprovdli lill-individwi b'opportunità vijabbli biex jitlaqqmu. Il-fatturi li jikkontribwixxu għall-aċċettazzjoni tat-tilqim huma kumplessi, speċifiċi għall-kuntest, u jvarjaw bejn iż-żmien, il-post u t-tip ta' vaċċin.

Illustrazzjoni 1. Il-kontinwum tal-aċċettazzjoni tat-tilqim



Sors: ECDC

L-iskala fuq il-kontinwum tirreferi għar-risponsi tal-individwi għat-tilqim.

Eżitazzjoni għat-tilqim

Il-Qafas tal-Motivaturi Komportamentali u Soċjali (BeSD) tad-WHO – li jipprovdli ħarsa ġenerali lejn l-oqsma ewlenin relatati mat-teħid tat-tilqim – jiddeskrivi l-eżitazzjoni għall-vaċċini bħala "stat motivazzjonali li wieħed ikun f'kunflitt dwar, jew jopponi li, jiġi mlaqqam" [15]. Dan imbagħad jista' jwassal għal dewmien fl-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tat-

tilqim. B'użu ta' dan il-fehim, dan ir-rapport juża l-"eżitazzjoni għat-tilqim" biex jirreferi għall-istat psikoloġiku ta' individwu rigward l-intenzjoni u r-rieda tiegħu li jitlaqqam.

L-esperti ddiskutew il-komplessitajiet tat-terminu "eżitazzjoni għat-tilqim", u huwa argumentat li dan it-terminu għandu jintuża biss biex jirreferi għal sitwazzjoni speċifika meta jkun hemm tħassib dwar il-vaċċini, aktar milli bħala tikketta għan-nies[14]. Li l-persuni jiġu ttikkettati bħala "eżitanti fir-rigward tat-tilqim" jista' ma jkunx ta' għajnuna, peress li l-fatt li jkollhom mistoqsijiet jew tħassib qabel ma jaqblu li jirċievu medikazzjoni bħal vaċċin huwa naturali.

It-teħid tat-tilqim

F'dan ir-rapport, it-terminu "teħid tat-tilqim" jintuża biex jirreferi għal meta individwu jingħata vaċċin. Huwa importanti li jiġi nnotat li dan it-terminu jista' jintuża biex jirreferi kemm għall-ġoti ta' vaċċin lil individwu, kif ukoll għan-numru assolut ta' persuni li ngħataw vaċċin speċifiku. F'dan l-aħħar każ, it-teħid tat-tilqim jintuża bħala indikatur tat-tilqim [16].

Madankollu, ta' min jinnota li l-aċċettazzjoni tat-tilqim mhijiex ekwivalenti għat-teħid tat-tilqim [17]. Dan minħabba li l- "aċċettazzjoni" ma tqisx fatturi bħad-disponibbiltà ta' vaċċini jew fatturi strutturali li jistgħu jimpedixxu l-aċċess (jiġifieri li n-nies jistgħu jaċċettaw it-tilqim iżda t-teħid ikun għadu baxx minħabba kwistjonijiet oħra). Barra minn hekk, xi persuni jistgħu jitlaqqmu anki jekk ikollhom mistoqsijiet u tħassib; għalhekk, huma ma "jaċċettawx" psikoloġikament it-tilqim b'mod sħiħ.

Kopertura tal-vaċċini

"Kopertura tal-vaċċini" huwa indikatur u terminu ieħor ta' tilqim li jintuża b'mod komuni biex jiġi rrapportat il-proporzjon ta' popolazzjoni definita li tkun irċeviet għadd speċifiku ta' dożi ta' vaċċin partikolari.

Parti 1. Approċċi tax-xjenza soċjali u tal-imġiba għat-titjib tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim fil-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE

1.1 Il-mudell tal-5Cs

Ġew introdotti diversi mudelli mix-xjenzi soċjali u tal-imġiba bħala għodod biex jiddeskrivu l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim. Dawn il-mudelli huma utli għall-prattikanti u għal dawk li jfasslu l-politika li jaħdmu b'politiki u programmi ta' tilqim, peress li jipprovdu mezz sistematiku biex jiġu analizzati u mifhuma l-fatturi kumplessi li jistgħu jiffaċilitaw jew jostakolaw l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim. Madankollu, il-mudelli kollha għandhom il-punti b'saħħithom u l-limitazzjonijiet tagħhom: ma hemm l-ebda mudell wieħed li jista' jkopri l-fatturi u l-kumplessitajiet kollha. Fil-prattika, il-fatturi u l-kostruzzjonijiet fil-mudelli differenti spiss ikunu interrelatati u jikkoinċidu.

Il-Mudell tal-5Cs intuża biex jiġu kkategorizzati l-mistoqsijiet fl-għodda tal-istħarriġ ipprovduta f'dan ir-rapport (it-Taqsima 2.1) [18] u biex jiġu kklassifikati l-eżempji fil-librerija tal-interventi biex tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tilqim (it-Taqsima 2.2). Il-Mudell tal-5Cs jipprovdi mod strutturat ta' fehim tal-oqsma ewlenin li jistgħu jinfluwenzaw ir-rieda u l-prontezza ta' individwu biex jitlaqqam (Illustrazzjoni 2). Żviluppat fl-2018, il-mudell huwa bbażat fuq ħames komponenti li jinfluwenzaw l-intenzjonijiet u l-imġiba tat-tilqim: Il-Fiduċja, il-Kompjaċenza, ir-Restrizzjonijiet, il-Kalkolu u r-Responsabbiltà Kollektiva. Huwa infurmat mit-teoriji tal-aċċettazzjoni tat-tilqim, kif ukoll mill-mudelli psikoloġiċi tal-imġiba tas-saħħa [18]. Il-mudell jista' jintuża għad-dijanjożi tal-ostakli u l-faċilitaturi tal-aċċettazzjoni tat-tilqim f'popolazzjoni f'mument speċifiku fil-ħin jew b'mod kontinwu, maż-żmien, filwaqt li jiffaċilita l-identifikazzjoni bikrija ta' rati aktar baxxi ta' aċċettazzjoni tat-tilqim fil-popolazzjonijiet identifikati u jippermetti azzjoni fil-pront.

Illustrazzjoni 2. Ħarsa ġenerali lejn il-Mudell tal-5Cs



Sors: L-ECDC, abbażi ta' [18]

Il-ħames komponenti tal-Mudell tal-5Cs huma definiti u deskritti kif ġej:

- **Il-Fiduċja (Confidence)** tirreferi għall-fiduċja ta' individwu fis-sikurezza u l-effettività tat-tilqim, il-fiduċja fil-professjonisti u f'dawk li jfasslu l-politika li jirrakkomandaw it-tilqim, u l-fiduċja fl-awtoritajiet tas-saħħa u fis-sistemi tas-saħħa li jipprovduhom [18,19].
- **Il-Kompjaċenza (Complacency)** tirreferi għar-riskju perċepit ta' individwu ta' eżitu serju li jirriżulta mill-ikkuntrattar ta' marda partikolari [19]. Il-kompjaċenza normalment tiddeskrivi nuqqas ta' interess relattiv; pereżempju, il-kompjaċenza tista' tkun għolja meta r-riskju perċepit ta' marda jkun baxx, u għalhekk it-tilqim jitqies bħala mhux meħtieġ [20].
- **Ir-Restrizzjonijiet (Constraints)** jirreferu għall-ostakli perċepiti jew attwali għat-tilqim li jiffaċċja individwu [19]. Dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jkunu kemm psikoloġiċi kif ukoll strutturali; pereżempju, ir-referenza għall-awtoeffikaċja ta' persuna jew għall-abbiltà perċepita tagħha li titlaqqam, taċċessa sistema ta' prenotazzjoni, jew tiegħu l-ħin liberu mix-xogħol biex tmur għal appuntament ta' tilqim.
- **Il-Kalkolu (Calculation)** jirreferi għal kif individwu jqabbel u jiżen il-benefiċċji personali u r-riskji potenzjali li jitleqqam [19]. Kif in-nies ifittxu u jużaw l-informazzjoni dwar it-tilqim jista' jinfluwenza din il-kostruzzjoni, kif ukoll id-disponibbiltà tal-informazzjoni, il-kwalità perċepita tagħha u l-kapaċità tal-individwu li jifhem l-informazzjoni dwar is-saħħa [21].
- **Ir-Responsabbiltà kollettiva (Collective responsibility)** tirreferi għar-rieda tal-persuni li jipproteġu lill-oħrajn billi jitleqqmu bħala mezz biex jipprevjenu t-tixrid tal-marda [19].

Ix-xjenzi soċjali u tal-imġiba jużaw *data* dwar dawn il-ħames kostruzzjonijiet biex jifhem u jfassru l-imġiba fir-rigward tat-tilqim. Dan wera li l-importanza ta' kull C għal aċċettazzjoni individwali jew komunitarja ta' vaċċin partikolari tista' tinbidel maż-żmien hekk kif jinbidlu l-kuntesti u s-sitwazzjonijiet. B'mod aktar ġenerali, il-bidliet f'kuntest lokali jistgħu jwasslu għal bidliet fl-aċċettazzjoni tat-tilqim, jew minn aċċettazzjoni għal rifjut jew viċi versa. L-iffukar fuq is-Cs speċifiċi identifikati bħala ostakli u faċilitaturi tal-aċċettazzjoni tat-tilqim jista' jappoġġa l-iżvilupp ta' strateġiji u interventi mmirati u xprunati b'mod empiriku biex jiġi indirizzat it-teħid subottimali tat-tilqim [21].

Filwaqt li l-Mudell tal-5Cs huwa ffukat b'mod predominanti fuq l-anteċedenti psikoloġiċi tat-tilqim, huwa ċar li t-teħid subottimali tat-tilqim iseħħ minħabba diversi fatturi oħra. Pereżempju, il-komponent tar-Restrizzjonijiet tal-mudell jinkludi fatturi strutturali li huma lil hinn mill-kontroll ta' individwu, bħal kemm huwa faċli li jitleqqam prattikament u finanzjarjament, kif ukoll il-punt sa fejn jista' jkollu aċċess għal informazzjoni xierqa.

Il-mudell tal-5Cs jespandi fuq il-Mudell 3Cs, inizjalment propost fl-2015, li fih it-tliet fatturi ewlenin li jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet dwar it-tilqim kienu l-Kompjaċenza, il-Konvenjenza u l-Fiduċja [22]. Matul il-pandemija tal-COVID-19, ġie żviluppat il-Mudell 7Cs, li jinkludi l-Konformità u l-Komplott flimkien mal-5Cs. Ġiet żviluppata wkoll skala adattata ta' 7Cs għall-ġenituri biex jivvalutaw ir-rieda u l-prontezza tagħhom li jlaqqmu lill-uliedhom [20].

1.2 Hídma biex jittejbú l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim fil-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE

Għal aktar minn 15-il sena, l-ECDC hađem biex jappoġġa lill-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE fiż-żieda tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim. Aktar reċenti, fl-2021, l-ECDC ippubblika r-rapport tekniku "Facilitating COVID-19 vaccination acceptance and uptake", li dan ir-rapport jibni fuqu [1]. Fl-istess sena, l-ECDC iffoka wkoll fuq strateġiji biex tiġi indirizzata l-miżinformazzjoni online dwar it-tilqim, bil-pubblikazzjoni ta' rapport tekniku u tagħlim elettroniku [23,24]. Wara l-pandemija tal-COVID-19, u fid-dawl tal-isfidi fil-komunikazzjoni tal-importanza u l-impatt tat-tilqim, l-ECDC ippubblika wkoll gwida dwar il-komunikazzjoni effettiva fir-rigward tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tat-tilqim [25]. Il-gwidi, l-għodod u r-riċerka kollha tal-ECDC dwar il-komunikazzjoni fir-rigward tal-immunizzazzjoni u l-aċċettazzjoni tat-tilqim huma disponibbli fuq is-sit web tal-ECDC [26].

Barra minn hekk, biex jipprovdi lill-pubbliku riżorsa ta' informazzjoni affidabbli u bbażata fuq ix-xjenza dwar it-tilqim, l-ECDC żviluppa l-Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim (EVIP) f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea (KE) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA). Il-portal, disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE/taż-ŻEE, tnieda matul il-Ġimgħa Ewropea tal-Immunizzazzjoni fl-2020 [27].

Il-Kummissjoni Ewropea żviluppat ukoll diversi azzjonijiet għall-appoġġ tal-isforzi tal-pajjiżi biex iżidu l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim. L-attivitajiet biex tingħata spinta lill-fiduċja fit-tilqim jinkludu, pereżempju, il-koordinazzjoni tal-isforzi biex jiżdied it-teħid tat-tilqim, l-iffaċilitar tal-iskambju ta' Prattika tajba, l-indirizzar tal-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, u l-għoti ta' gwida għall-bini tal-fiduċja[28]. Aktar reċentement, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea ppubblika diversi rapporti b'enfasi fuq ix-xjenza tal-imġiba dwar l-aċċettazzjoni u d-domanda tat-tilqim [29,30].

Mill-2018, il-Kummissjoni Ewropea bdiet il-Proġett ta' Fiduċja fil-Vaċċini biex twettaq sħarriġiet kull sentejn biex timmonitorja l-fiduċja fit-tilqim fl-UE [31]. L-istħarriġ juża indiċi li jkejjel fuq erba' dimensjonijiet: il-fiduċja (i) l-importanza, ii) is-sikurezza u iii) l-effettività tat-tilqim, kif ukoll iv) il-kompatibbiltà tat-tilqim ma' twemmin reliġjuż jew personali. Ir-riżultati juru li għalkemm proporzjon kbir ta' daww li wiegħbu għandhom twemmin pożittiv fir-rigward tat-tilqim, il-fiduċja varjat matul iż-żmien – kemm b'mod ġenerali kif ukoll fir-rigward ta' vaċċini speċifiċi u skont il-grupp ta' età. Għad hemm varjazzjonijiet ġeografiċi kbar fil-fiduċja, b'livelli ta' fiduċja aktar baxxi osservati b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Barra minn hekk, il-fiduċja tal-adulti akbar fl-età kienet persistentement ogħla minn dik tal-ġenerazzjonijiet iżgħar, u dan id-distakk jidher li qed jikber fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE.

Fl-2019, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet Koalizzjoni għat-Tilqim li tlaqqa' flimkien assoċjazzjonijiet Ewropej ta' professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u assoċjazzjonijiet ta' studenti fil-qasam tas-saħħa u t-tilqim, bl-għan li tipprovdi edukazzjoni aħjar dwar it-tilqim lill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u informazzjoni aħjar lill-pubbliku ġenerali [32]. Il-Kummissjoni Ewropea kienet attiva wkoll b'kampanja biex tippromwovi t-tilqim (#UnitedInProtection) [33].

Barra minn hekk, għadd ta' proġetti multinazzjonali rċewew finanzjament permezz ta' għotjiet tal-Unjoni Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-programm EU4Health għal inizzjattivi mmirati biex iżidu t-teħid tat-tilqim. Dawn jinkludu [JITSUVAX](#) (Jiu Jitsu b'miżinformazzjoni fl-era tal-COVID-19: l-użu ta' tagħlim ibbażat fuq ir-rifjut biex jittejbú t-teħid u l-għarfien tal-vaċċini), [RIVER-EU](#) (Tnaqqis tal-Inugwaljanzi fit-teħid tat-Tilqim fir-Reġjun Ewropew) u [AcToVax4NAM](#) (Aċċess għall-Vaċċinazzjoni għall-Migranti li jkunu Għadhom kif Waslu)[34-36]. Id-deskrizzjonijiet tal-proġetti ġenerali, kif ukoll xi interventi nazzjonali u subnazzjonali marbuta ma' JITSUVAX u RIVER-EU, huma inklużi fil-librerija tal-interventi biex tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tilqim fit-Taqsima 2.2 ta' dan ir-rapport.

Fir-reġjun usa' Ewropew, l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa żviluppa l-approċċ tat-Tfassil tal-Programmi ta' Immunizzazzjoni (TIP) biex jappoġġa lill-pajjiżi fil-kisba ta' teħid ta' tilqim għoli u ekwu [37].

Parti 2. Għodod u metodi għall-promozzjoni tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim tul il-ħajja kollha

2.1 Għodda ta' sħarriġ għall-ġbir ta' *data* dwar l-imġiba fir-rigward tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim

Din l-għodda ta' sħarriġ tista' tintuża biex tinġabar *data* soċjali u tal-imġiba dwar l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim, u b'hekk tappoġġa d-dijanjożi tal-ostakli u tal-faċilitaturi għat-tilqim f'popolazzjonijiet speċifiċi (Tabella 1; l-għodda hija disponibbli wkoll bħala [dokument Word li jista' jiġi editjat](#)). Din ġiet żviluppata abbażi ta' mistoqsijiet ta' sħarriġ li ġew invalidati psikometrikament fi studji preċedenti [15,18,19,31,40-42]. Tinkludi:

- Appoġġ għall-ġbir ta' kunsens infurmat;
- Tmien mistoqsijiet introduttorji dwar il-fatturi soċjodemografiċi u l-imġiba fir-rigward tat-tilqim;
- Fimistax-il punt ibbażati fuq il-Mudell tal-5Cs, fejn ir-rispondenti jistgħu jikklassifikaw kemm jaqblu jew ma jaqblux bis-sħiħ ma' serje ta' dikjarazzjonijiet; u
- Seba' mistoqsijiet kwalitattivi ssuġġeriti.

Fil-15-il punt ibbażati fuq il-mudell tal-5Cs, hemm tliet punti għal kull C, b'wieħed indikat bħala l-indikatur ewlieni għal kull C. Huwa ideali li l-istħarriġ isir bl-użu tas-sett sħiħ ta' 15-il punt; madankollu, jekk hemm restrizzjonijiet tar-riżorsi, jista' jkun limitat għall-ħames punti ewlenin.

Il-lista ta' mistoqsijiet kwalitattivi ssuġġeriti miftuħa tista' jew tizzied ma' studju ta' sħarriġ biex tingħata aktar informazzjoni intuittiva dwar il-proċessi tal-ħsieb u l-ażżjonijiet tan-nies, jew tintuża bħala bażi għal studji kwalitattivi separati (Tabella 1; il-mistoqsijiet huma disponibbli wkoll fil-verżjoni tad-[dokument Word li jista' jiġi editjat](#) tal-għodda ta' sħarriġ). Mistoqsijiet kwalitattivi li jippermettu tweġiba miftuħa jistgħu jkunu opportunità siewja għar-rispondenti biex iwiegħu fi kliemhom stess.

Qabel ma tuża l-għodda, huwa importanti li tiġbor tim ta' riċerka multidixxiplinarju, li preferibbilment jinkludi lil xi ħadd li huwa mħarreġ fit-tfassil tal-istħarriġ u l-analiżi tal-istatistika. It-tim għandu jiddeċiedi dwar il-mistoqsijiet eżatti tar-riċerka u jiżviluppa protokoll tal-istudju u pjan ta' analiżi flimkien. Wara l-għodda tiġi pprovduta informazzjoni dettaljata dwar kif għandha tiġi adattata l-għodda ta' sħarriġ u kif jiġi żviluppat protokoll tal-istudju. Eżempju ta' pjan ta' analiżi huwa ppreżentat aktar tard f'din it-Taqsima u l-[kodiċi ta' analiżi](#) (il-Kaxxi 1–3), miktub kemm fi Stata kif ukoll f'R, jista' jgħid ukoll.

Tabella 1. Għodda ta' sħarriġ għall-ġbir ta' *data* dwar l-imġiba fir-rigward tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim

Kunsens infurmat

Grazzi tal-interess tiegħek fl-istudju tagħna. Aħna riċerkaturi minn (daħħal l-isem tal-istituzzjoni) u aħna interessati fi (daħħal l-għanijiet tal-istudju). It-tweġibiet tiegħek se jgħinuna ninfurmaw u nfasslu l-interventi tagħna biex jizzied it-teħid tat-tilqim. Se tiegħu madwar (aġti stima tal-għadd ta' minuti) minuti biex twieġeb il-mistoqsijiet tagħna. Qabel ma taqbel mal-istudju, jekk jogħġbok aqra l-informazzjoni ta' hawn taħt bir-reqqa.

Il-parteċipazzjoni tiegħek f'dan l-istudju hija kompletament volontarja, u ma hemm l-ebda tweġiba tajba jew ħażina għall-mistoqsijiet. Il-mistoqsijiet huma dwar it-tilqim u l-attitudnijiet tiegħek fir-rigward tat-tilqim. Se nsaq suk wkoll xi informazzjoni dwar ek innifsek, bħall-ġeneru, l-età u l-livell ta' edukazzjoni tiegħek. It-tweġibiet li tagħti se jiġu anonimizzati, li jfisser li ma nistgħux nittraċċaw id-*data* lura lej. Id-*data* se tinġabar minn (daħħal l-isem tal-aġenzija tal-ġbir tad-*data*) u se tiġi kondiviża mat-tim tar-riċerka fi (daħħal l-isem tal-istituzzjoni tar-riċerkaturi). Il-Bord ta' Rieżami Intern fi (daħħal l-istituzzjoni IRB) irrieżamina l-protokoll tal-istudju u ta l-approvazzjoni tiegħu biex iwettaq l-istudju (daħħal in-numru tal-approvazzjoni f'parentesi tondi).

Id-*data* tiegħek se tinħażen fuq is-servers ta' (daħħal il-post tal-ħżin tad-*data*) u se tkun aċċessibbli biss minn riċerkaturi affiljati ma' dan il-proġett. Id-*data* tiegħek se tinħażen hawnhekk għal (indika n-numru ta' snin) snin. Id-*data* tiegħek tista' tintuża għal proġetti ta' riċerka oħrajn fil-futur li għandhom l-għan simili li jifhem l-attitudnijiet fir-rigward tat-tilqim. L-użu u l-ħżin tad-*data* se jkunu f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) u l-liġijiet nazzjonali.

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew tħassib dwar dan l-istudju jew dwar kif se nużaw u naħżnu d-*data* tiegħek, tista' tikkuntattja (daħħal l-isem) fuq (daħħal l-indirizz tal-email).

Kunsens

Billi naqbel li nipparteċipa, nifhem li:

Il-parteeċipazzjoni tiegħi hija volontarja.

Id-*data* tiegħi se tintuża għar-riċerka dwar l-attitudnijiet fir-rigward tat-tilqim.

Id-*data* tiegħi se tiġi anonimizzata.

Id-*data* tiegħi se tinħażen b'mod sigur skont ir-regoli tal-GDPR u l-liġijiet nazzjonali.

Nista' nirtira l-parteeċipazzjoni tiegħi fi kwalunkwe ħin.

Taqbel li tipparteċipa f'dan l-istudju?

Iva / Le

Suġġett	Punt	Mistoqsija	Għażliet ta' rispons
Socjodemografija	1	Kemm għandek żmien?	Numru ta' snin
	2	X'inhu l-ġeneru tiegħek?	1. Raġel 2. Mara 3. Mhux binarja 4. Ieħor / Nippreferi ma ngħidx
	3	Fejn tgħix fil-pajjiż?	Għażliet tar-reġjuni adattati għall-kuntest tal-pajjiż (li għandhom jiġu nnumerati minn 1)
	4	X'inhu l-ogħla livell ta' edukazzjoni li lestejt?	Għażliet adattati għall-kuntest tal-pajjiż (li għandhom jiġu nnumerati minn 1)
	5	Bħalissa inti...?	1. Impjegat(a) 2. Taħdem għal rasek 3. M'intix taħdem 4. Student(a) 5. Irtirat(a) 6. Ma tistax taħdem 7. Oħrajn 99. Nippreferi ma ngħidx
L-imġiba fir-rigward tat-tilqim	6	Sa fejn taf, irċevejt it-tilqim kollu li ġie rrakkomandat lilek?	1. Xejn 2. Xi ftit 3. Kollha 99. Ma nafx / Nippreferi ma ngħidx
	7	Irrifjutajt jew ittardjajt xi tilqim li ġie rrakkomandat lilek?	1. Xejn 2. Xi ftit 3. Kollha 99. Ma nafx / Nippreferi ma ngħidx
	8	Fil-futur, beħsiebek titlaqqam skont ir-rakkomandazzjonijiet f'pajjiżek?	1. Żgur li le 2. Probabbilment le 3. Forsi 4. Probabbilment iva 5. Definittivament 99. Ma nafx / Nippreferi ma ngħidx

5Cs	Punt	Mistoqsija	Għażliet ta' rispons għall-mistoqsijiet kollha relatati mal-5Cs
Sa fejn taqbel jew ma taqbilx mad-dikjarazzjonijiet li ġejjin?			1. Ma naqbel xejn 2. Ma naqbilx parzjalment 3. Newtrali 4. Naqbel parzjalment 5. Naqbel ħafna 99. Ma nafx / Nippreferi ma ngħidx
Fiduċja	9 (ewlenin)	B'mod ġenerali, naħseb li l-vaċċini huma sikuri [31].	
	10	B'mod ġenerali, naħseb li l-vaċċini huma effettivi [31].	
	11	Nafda li l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika jirrakkomandaw biss vaċċini sikuri u effettivi [19].	
Kompjaċenza	12 (ewlenin)	Nitlaqqam għaliex huwa riskjuż wisq li niġi infettat [19].	
	13	It-tilqim mhuwiex meħtieġ għaliex minħabba li rament nimrad xorta waħda [19].	
	14	It-tilqim mhuwiex meħtieġ minħabba li l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim m'għadux komuni [18].	
Restrizzjonijiet	15 (ewlenin)	Fil-prattika, se jkun diffiċli għaliex li nitlaqqam [40].	
	16	Jiena ċert(a) li nirċievi l-vaċċini l-aktar importanti fi żmien xieraq [19].	
	17	Huwa faċli għaliex li naċċessa s-servizzi tat-tilqim [15].	
Il-kalkolu	18 (ewlenin)	Meta nikkunsidra li nitlaqqam, inqis il-benefiċċji u r-riskji biex nagħmel l-aħjar deċiżjoni possibbli [18].	
	19	B'mod ġenerali, nagħmel dak li t-tabib jew il-professjonist fil-qasam tal-kura tas-saħħa tiegħi jirrakkomanda dwar it-tilqim [41].	
	20	L-informazzjoni li nirċievi dwar il-vaċċini mill-awtoritajiet tas-saħħa hija affidabbli [42].	
Responsabbiltà kollettiva	21 (ewlenin)	Nitlaqqam peress li b'hekk niproteġi lil persuni oħrajn [19].	
	22	Meta kulħadd jitlaqqam, ma jkollix għalfejn nitlaqqam ukoll [18].	
	23	Il-parti l-kbira tal-familja u l-ħbieb qrib tiegħi jridu li nitlaqqam [15].	
Mistoqsijiet kwalitattivi li jeħtieġu tweġiba miftuħa			
1. X'mistoqsijiet jew tħassib għandek meta tikkunsidra li titlaqqam?			
2. X'inhuma l-ewwel affarijiet li jiġu f'moħħok meta taħseb dwar il-vaċċini?			
3. Fiduċja: B'mod ġenerali, x'taħseb dwar is-sikurezza u l-effettività tal-vaċċini?			
4. Kompjaċenza: Kif tikklassifika r-riskju tiegħek li timrad minn mard li jista' jiġi evitat permezz ta' tilqim?			

- | |
|---|
| 5. Restrizzjonijiet: X'tip ta' ostakli tesperjenza meta tipprova titlaqqam? Dan jista' jinkludi sfidi fiżiċi, psikoloġiċi jew tipi oħra ta' sfidi. |
| 6. Kalkoku: X'tip ta' informazzjoni tfittex u taqra meta tipprova tiegħu deċiżjoni dwar jekk għandekx titlaqqam jew le? |
| 7. Responsabbiltà kollettiva: Kif tħossok dwar il-kunċett li titlaqqam biex tiproteġi lill-oħrajn? |

Kif tadatta l-għodda ta' sħarriġ u tiżviluppa l-protokoll tal-istudju u l-pjan ta' analiżi

Din l-għodda tal-istħarriġ għandha tiġi adattata għall-mistoqsijiet tar-riċerka, b'mod partikolari l-popolazzjoni tal-istudju ta' interess u l-vaċċin(i) partikolari, jekk applikabbli. Kunsiderazzjonijiet importanti u gwida dwar kif għandhom jiġu żviluppati l-protokoll tal-istudju u l-pjan ta' analiżi huma mogħtija hawn taħt.

Popolazzjoni fil-mira

Il-mistoqsijiet tar-riċerka u l-protokoll tal-istudju għandhom jindikaw b'mod ċar il-popolazzjoni fil-mira tal-istudju. Il-mistoqsijiet fl-għodda tal-istħarriġ imbagħad jistgħu jiġu adattati abbażi tal-popolazzjoni fil-mira. Pereżempju, skont il-mistoqsijiet tar-riċerka, wieħed jista' jistudja l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim fil-popolazzjoni adulta ġenerali jew fost l-indoktranti ta' tfaġġar, popolazzjonijiet ta' migranti, ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, persuni li għandhom aktar minn 65 sena jew popolazzjonijiet vulnerabbli jew mhux moqdiġin biżżejjed. Pereżempju, jekk studju jkollu l-għan li jifhem l-attitudnijiet lejn it-tilqim fit-tfulija, id-dikjarazzjoni ġenerali "B'mod ġenerali, naħseb li l-vaċċini huma sikuri" tista' tiġi aġġornata għal "B'mod ġenerali, naħseb li l-vaċċini fit-tfulija huma sikuri".

Il-mistoqsijiet jeħtieġ ukoll li jiġu adattati abbażi tal-vaċċin(i) fil-mira, jekk applikabbli. L-għodda tal-istħarriġ hija mmirata lejn l-attitudnijiet tat-tilqim b'mod ġenerali iżda tista' tiġi adattata faċilment biex ikollha fil-mira vaċċini speċifiċi.

Il-mistoqsijiet soċjodemografiċi ssuġġeriti jeħtieġ ukoll li jiġu adattati għall-ambjent lokali. Pereżempju, meta wieħed jistaqsi dwar il-livell ta' edukazzjoni tar-rispondent, l-għażliet tat-tweġiba għandhom jirriflettu s-sistema edukattiva fil-kuntest. It-tieni nett, peress li l-għodda tal-istħarriġ oriġinali nkitbet bl-Ingliż, il-fażi pilota tat-traduzzjonijiet tal-istħarriġ fost il-persuni tal-popolazzjoni fil-mira tiegħek se tagħti informazzjoni dwar jekk il-punti tal-istħarriġ tradotti humiex mifhuma, kulturalment xierqa, u/jew jeħtiġux reviżjoni ulterjuri.

Daqs tal-kampjun

Flimkien ma' statistiku, il-kalkoli tad-daqs tal-kampjun għandhom jinfurmaw in-numru minimu ta' rispondenti li huma meħtieġa għall-istudju sabiex tiġi żgurata setgħa statistika adegwata biex jiġu identifikati effetti sinifikanti. Id-daqs tal-kampjun jaf ikollu bżonn jiġi esaġerat biex jikkompensa għan-nuqqas ta' rispons u l-attribuzzjoni potenzjali. Sabiex ikun hemm għadd adegwat ta' rispondenti, huwa meħtieġ fehim profond tal-popolazzjoni fil-mira u kif għandha tintlaħaq qabel il-bidu tal-istudju.

Għbir tad-data

Il-metodu tal-għbir tad-data għandu jintgħażel abbażi ta' kunsiderazzjonijiet madwar il-popolazzjoni fil-mira, ir-riżorsi disponibbli u t-tip ta' kampjunar. Meta tiġi mmirata l-popolazzjoni adulta ġenerali f'pajjiż b'penetrazzjoni għolja tal-internet, sħarriġiet jew intervisti online jistgħu jkunu metodi xierqa. L-intervisti wiċċ imb wiċċ jistgħu jkunu aktar adatti għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni (eż. adulti akbar fl-età).

Kampjunar

Il-kampjunar tal-popolazzjoni fil-mira tal-istudju jista' jsir b'diversi modi [43]. Meta jkun meħtieġ kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni, l-aħjar approċċ huwa l-kampjunar tal-probabbiltà. Xi ftit mill-modi l-aktar komuni biex isir dan jinkludu kampjunar każwali sempliċi jew sistematiku, kif ukoll kampjunar stratifikat jew miġbur flimkien. Jekk ir-riżorsi jippermettu, il-kampjunar jista' jiġi esternalizzat lil kumpaniji li għandhom għarfien espert f'dan il-qasam. Jekk ir-rappreżentattività – u magħha l-ġeneralizzabbiltà għall-popolazzjoni usa' – ma tkunx meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-istudju, jista' jintuża kampjunar mhux tal-probabbiltà. Xi modi komuni ta' kampjunar mhux tal-probabbiltà jinkludu kampjunar ta' konvenjenza, kampjunar ta' snowballing u kampjunar intenzjonat.

Preżentazzjoni tal-istħarriġ

Il-mod kif jiġi ppreżentat l-istħarriġ lir-rispondenti jiddependi mill-metodu tal-ġbir ta' *data* li se jintuża għall-istħarriġ. Il-mistoqsijiet kollha relatati mal-5Cs għandhom l-istess għażliet ta' tweġibiet ibbażati fuq skala Likert ta' 5 punti (minn "Ma Naqbel Xejn" għal "Naqbel Ħafna"). Għaldaqstant, l-istħarriġ jista' jiġi ppreżentat bil-miktub bħala tabella waħda kbira, bl-iskala Likert ippreżentata vertikament hejdn kull mistoqsija (bħal fit-Tabella 1). Inkella, il-mistoqsijiet jistgħu jsiru waħda waħda matul intervista wiċċ imb wiċċ jew online, bl-iskala Likert kondiwiża mal-persuna intervistata bħala għażliet ta' rispons. Ikun aħjar jekk ma tużax l-intestaturi tal-għodda tal-istħarriġ (eż. Varjabbli soċjodemografiċi, Fiduċja, Restrizzjonijiet) fl-istħarriġ attwali sabiex ir-rispondenti ma jkunux preġudikati lejn ċerti tweġibiet.

Fl-għodda tal-istħarriġ, kull tweġiba għandha valur numeriku assenjat (eż. Mistoqsija 6: 1 = Xejn, 2 = Xi ftit, 3 = Kollha, 99 = Ma nafx / nippreferi ma ngħidx). Dawn il-valuri assenjati ma għandhomx għalfejn ikunu viżibbli għar-rispondenti tal-istħarriġ iżda għandhom jintużaw fil-backend tal-istħarriġ, sabiex ir-risultati jingħataw f'dan il-format. Il-kodiċi ta' analiżi miktub minn qabel huwa bbażat fuq dawn in-numri.

Il-protokoll tal-istudju u l-pjan ta' analiżi

Il-protokoll tal-istudju għandu jiddeskrivi l-popolazzjoni fil-mira, id-daqs tal-kampjun, il-metodu tal-ġbir tad-*data* u l-approċċ tat-teħid tal-kampjuni. Għandu jkun fih ukoll taqsima dwar kif se ssir l-analiżi tad-*data*.

L-analiżijiet għandhom ikunu konċiżi u jwieġbu l-mistoqsijiet tar-riċerka. Għall-analiżijiet deskrittivi, jistgħu jinħolqu tabelli sommarji demografiċi tar-rispondenti tal-istudju. L-indikaturi ewlenin ta' kull C jistgħu jingħabru fil-qosor u jiġu stratifikati skont il-varjabbli demografiċi bħall-ġeneru u l-edukazzjoni, jekk ikun mixtieq. It-tliet indikaturi ewlenin tal-imġiba tal-għodda ta' stħarriġ – i) it-teħid ta' tilqim fil-passat, ii) ir-rifjut fil-passat tat-tilqim u iii) l-intenzjoni li persuna titlaqqam – jistgħu b'mod simili jingħabru fil-qosor b'mod deskrittiv u stratifikat skont il-varjabbli demografiċi. Jistgħu jitwettqu analiżijiet statistiċi inferenzjali biex jiġu ttestjati l-assoċjazzjonijiet bejn l-eżiti tal-imġiba, il-5Cs u d-demografiċja.

Biex tkun tista' titwettagħ din l-analiżi, huwa importanti li jiġu segwiti l-valuri numeriċi assenjati tal-għażliet tat-tweġibiet, kif issuġġerit fl-għodda tal-istħarriġ. Eżempju ta' pjan ta' analiżi li jinkludi kemm analiżijiet deskrittivi kif ukoll inferenzjali tar-risultati tal-istħarriġ huwa pprovdut hawn taħt (il-Kaxxi 1–3), u l-[kodiċi ta' analiżi](#) miktub minn qabel (fi Stata u R) jista' jgħin ukoll.

Analiżi kwalitattiva

Jekk fl-istudju jiġu inklużi mistoqsijiet kwalitattivi miftuħa, il-mistoqsijiet issuġġeriti fit-Tabella 1 għandhom jiġu rieżaminati bir-reqqa u adattati biex jirriflettu l-kuntest lokali. It-tweġibiet bil-miktub għall-mistoqsijiet miftuħa fuq stħarriġ jew it-traskrizzjonijiet tal-intervisti għandhom jiġu analizzati u kkodifikati bir-reqqa. L-analiżi induttiva tista' tgħin biex jiġu identifikati temi globali li joħorġu mill-kodiċijiet biex tagħti għarfien aktar rikk fil-proċessi u l-azzjonijiet tal-ħsieb tan-nies. L-analiżi tista' titwettagħ ukoll b'mod deduttiv bl-użu tal-5Cs bħala temi jew bl-użu ta' taħlita taż-żewġ approċċi. Sabiex jieħu l-benefiċċju sħiħ ta' dan it-tip ta' riċerka, riċerkatur kwalitattiv b'esperjenza għandu jkun minn ta' quddiem fl-analiżi. Pariri addizzjonali dwar il-ġbir u l-analiżi ta' *data* kwalitattiva jistgħu jinstabu fit-tmiem ta' din it-taqsima.

Approvazzjoni etika

Qabel il-bidu ta' kwalunkwe ġbir ta' *data*, huwa importanti li jiġi żgurat li l-linji gwida etiċi nazzjonali jkunu qed jiġu segwiti. Dan jista' jinkludi r-rekwiżit li titfittex awtorizzazzjoni etika għall-istudju. Il-Bordijiet ta' Rieżami Intern (IRBs) se jirrevedu l-pjanijiet tal-istudju u jiddeterminaw jekk hijiex meħtieġa l-approvazzjoni u, jekk iva, jirrevedu l-pjanijiet ta' studju fid-dettall biex jagħtu l-approvazzjoni. L-IRBs x'aktarx li jirrevedu jekk il-pjanijiet ta' ġbir u analiżi tad-*data* jseguw ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR). Dan ifisser li l-proposta ta' studju jeħtieġ li tiddeskrivi b'mod ċar kif għandhom jiġu ttrattati l-anonimizzazzjoni, il-ħżin tad-*data* u l-aċċess għad-*data*. L-istudji kollha għandhom jinfurmaw lill-parteċipanti potenzjali dwar l-għanijiet tal-istudju u kif id-*data* tagħhom se tintuża u tinħażen, kif ukoll jenfasizzaw li t-tweġibiet tagħhom se jiġu anonimizzati, li l-parteċipazzjoni tagħhom hija volontarja u li jistgħu jwaqqfu l-istudju fi kwalunkwe mument mingħajr ma jiffaċċjaw konsegwenzi negattivi. Din l-informazzjoni għandha tiġi segwita minn mistoqsija li tistaqsi lill-parteċipant jekk jaqbilx ma' dan u jekk hux lest li jieħu sehem fl-istudju. Dan il-proċess jipprovdni kunsens infurmat, li jrid jinkiseb qabel ma tiġi introdotta kwalunkwe mistoqsija lill-parteċipant. Mudell għal dan huwa pprovdut fl-għodda tal-istħarriġ (Tabella 1), kif ukoll [fid-dokument Word li jista' jiġi editjat](#).

Ir-rappurtar u l-interpretazzjoni tad-*data*

Wara l-analiżi tad-*data*, huwa importanti li jiġu ddistillati r-risultati ewlenin u li jiġu kkunsidrati interventi potenzjali. Ir-risultati ewlenin jistgħu jingħabru fil-qosor bl-użu ta' tabelli u illustrazzjonijiet, u jistgħu jiġu deskritti f'rapport jew ippubblikati f'ġurnal xjentifiku rieżaminat bejn il-pari. It-tim multidixxiplinarju li jaħdem fuq l-istudju jeħtieġ li jqis l-aħjar mod(i) biex jippreżenta d-*data* miksuba lill-partijiet ikkonċernati u jużah biex jiddjanjostika l-ostakli u l-faċilitaturi tat-tilqim f'popolazzjonijiet speċifiċi. Id-*data* x'aktarx tagħti direzzjoni lil strateġiji u interventi potenzjali,

b'mod speċifiku dwar liema mill-5Cs jista' jkun l-aktar rilevanti bħala oqsma ta' priorità. Eżempji ta' kif il-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE mmiraw Cs partikolari huma ppreżentati fil-librerija tal-interventi biex tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tilqim (it-Taqsim 2.2).

Eżempju tal-pjan ta' analiżi

Dan l-eżempju tal-pjan ta' analiżi jipprova struttura bażika għall-analiżi tad-*data* tal-istħarriġ (il-Kaxxa 1–3; il-[kodiċi ta' analiżi](#) sħiħ, miktub kemm fi Stata kif ukoll R, huwa disponibbli wkoll biex jitniżżel). Idealment, l-analiżi għandha ssir fi tliet fażijiet:

- Fażi 1: thejjiya tad-*data* (Kaxxa 1);
- Fażi 2: analiżi deskrittiva (Kaxxa 2); u
- Fażi 3: analiżi inferenzjali (Kaxxa 3).

It-thejjiya tad-*data* tfisser it-tindif tad-*data* u t-thejjiya tad-*data* għall-analiżi (Kaxxa 1). It-tindif tad-*data* jista' jinvolvi l-verifika ta' jekk it-tweġibiet humiex realistiki (eż. ħadd ma jista' jkollu 178 sena) u l-iżgurar li l-varjabbli kollha jkunu f'forma numerika. Bil-kodiċi miktub minn qabel, tista' tiċċekkja darbtejn li l-varjabbli kollha jkollhom il-valuri u t-tikketti assenjati korretti. Pereżempju, għall-varjabbli tal-ġeneru, l-irġiel jistgħu jiġu assenjati n-numru 1 u n-nisa numru 2.

Bħala parti mit-thejjiya tad-*data*, xi varjabbli jeħtieġ li jiġu kkodifikati bil-maqlub. Iżda qabel ma jsir dan, għandha tiġi definita t-tifsira ta' punteġġ għoli (Tabella 2).

Tabella 2. Tifsira ta' punteġġ għoli, abbażi tal-kodiċi ta' analiżi miktub minn qabel

Kostruzzjoni	Tifsira ta' punteġġ għoli
Fiduċja	Fiduċja għolja fit-tilqim, pronteza kbira għat-tilqim
Kompjaċenza	Kompjaċenza għolja, pronteza baxxa għat-tilqim
Restrizzjonijiet	Ir-restrizzjonijiet ixxekklu t-tilqim, pronteza baxxa għat-tilqim
Kalkolu	Involvement kbir fl-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji tat-tilqim, pronteza baxxa għat-tilqim
Responsabbiltà kollettiva	It-tilqim jitqies bħala responsabbiltà kollettiva, pronteza kbira għat-tilqim

Pereżempju, għall-Kompjaċenza, il-mistoqsija 12 tiddikjara li "Nitlaqqam għaliex huwa riskjuż wisq li niġi infettat". Punteġġ għoli għal din il-mistoqsija (jiġifieri xi ħadd li jwieġeb "5. Naqbel ħafna") jirrifletti lil xi ħadd li għandu Kompjaċenza baxxa u għalhekk għandu pronteza kbira għat-tilqim. Madankollu, il-valur numeriku huwa għoli, u dan jista' jiġi interpretat b'mod żbaljat bħala Kompjaċenza għolja u għaldaqstant pronteza baxxa għat-tilqim. Biex dan jittaffa, huwa importanti li dawn il-mistoqsijiet jiġu indikati bil-kodiċi invers, kif muri fil-Kaxxa 3 (innota li l-[kodiċi ta' analiżi](#) għal dan jista' jitniżżel). Wara li ssir il-kodifikazzjoni inversa, jistgħu jiġu kkalkulati l-punteġġi medji għal kull wieħed mis-Cs. Id-*data* mbagħad tkun lesta għal analiżi deskrittiva.

Għall-analiżijiet deskrittivi, it-tliet indikaturi ewlenin tal-imġiba tal-għodda tal-istħarriġ – i) it-teħid ta' tilqim fil-passat, ii) ir-rifjut fil-passat tat-tilqim u iii) l-intenzjoni li persuna titlaqqam – jistgħu jinġabru fil-qosor u jiġu stratifikati skont il-varjabbli soċjodemografiki rilevanti (Kaxxa 2). Imbagħad, l-indikaturi ewlenin għal kull wieħed mill-5Cs jistgħu jinġabru fil-qosor.

Għall-analiżi inferenzjali, jingħataw diversi suġġerimenti (il-Kaxxa 3). Jista' jkun interessanti li wieħed jifhem l-indikaturi ta' previżjoni soċjodemografiki għal kull wieħed mill-5Cs. Pereżempju, in-nisa għandhom Kompjaċenza ogħla mill-irġiel? Il-parti li jmiss tal-analiżijiet inferenzjali għandha l-għan li tifhem l-indikaturi ta' previżjoni tat-tliet indikaturi ewlenin tal-imġiba msemmija hawn fuq. Għal dawn l-analiżijiet, il-varjabbli soċjodemografiki u l-5Cs huma ttrattati bħala indikaturi ta' previżjoni potenzjali. Hawn taħt qed jingħata wkoll parir addizzjonali dwar kif għandhom jitwettqu dawn l-analiżijiet inferenzjali.

Kaxxa 1. It-thejjiya tad-*data*

Kodiċi bil-maqlub tal-punti li ġejjin:

- Kompjaċenza (punteġġi għoljin = kompjaċenza għolja u għalhekk pronteza baxxa għat-tilqim)
 - Q12.) Tlaqqam għaliex huwa riskjuż wisq li niġi infettat.
- Restrizzjonijiet (punteġġi għoljin = ħafna restrizzjonijiet — jiġifieri l-ostakli ta' kuljum ifixklu t-tilqim — u b'hekk pronteza baxxa għat-tilqim)
 - Q16: Naċċerta ruħi li nirċievi l-vaċċini l-aktar importanti fi żmien xieraq.
 - Q17: Huwa faċli għalija li naċċessa s-servizzi tat-tilqim.
- Kalkolu (punteġġi għoljin = kunsiderazzjonijiet estensivi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u pronteza baxxa għat-tilqim)

- Q19: B'mod ġenerali, nagħmel dak li t-tabib jew il-professionist fil-qasam tal-kura tas-saħħa tiegħi jirrakkomanda dwar it-tilqim.
- Q20: L-informazzjoni li nirċievi dwar il-vaċċini mill-awtoritajiet tas-saħħa hija affidabbli.
- Responsabbiltà kollettiva (punteġġi għoljin = pronteżza għat-tilqim biex jiġu protetti oħrajn).
 - Q22: Meta kulħadd jitlaqqam, ma jkollix għalfejn nitlaqqam jien ukoll.

Ikkalkula l-punteġġi medji ta' kull C:

- Għodd flimkien il-punteġġi tat-tliet punti taħt Fiduċja u ddividi bi 3
- Għodd flimkien il-punteġġi tat-tliet punti taħt Kompjaċenza u ddividi bi 3
- Għodd flimkien il-punteġġi tat-tliet punti taħt Restrizzjonijiet u ddividi bi 3
- Għodd flimkien il-punteġġi tat-tliet punti taħt Kalkolu u ddividi bi 3
- Għodd flimkien il-punteġġi tat-tliet punti taħt Responsabbiltà Kollettiva u ddividi bi 3

Kaxxa 2. Analiżi deskrittiva:

Sommarji tar-risultati tal-imġiba:

- % li tlaqqmu kif irrakkomandat:
 - Skont l-età
 - Skont il-ġeneru
 - Skont l-edukazzjoni
 - Skont ir-reġjun
- % li rrifjutaw it-tilqim irrakkomandat:
 - Skont l-età
 - Skont il-ġeneru
 - Skont l-edukazzjoni
 - Skont ir-reġjun
- % li beħsiebhom jitlaqqmu skont ir-rakkomandazzjonijiet:
 - Skont l-età
 - Skont il-ġeneru
 - Skont l-edukazzjoni
 - Skont ir-reġjun

Indikaturi ewlenin:

- Fiduċja: % li jaqblu li l-vaċċini huma sikuri (jiġifieri wieġbu 4 jew 5)
- Kompjaċenza: % li jitlaqqmu minħabba li huwa riskjuż wisq li jiġu infettati (jiġifieri wieġbu 4 jew 5)
- Restrizzjonijiet: % li jgħidu li, fil-prattika, se jkun diffiċli li jitlaqqmu (jiġifieri wieġbu 4 jew 5)
- Kalkoku: % li jaqblu li meta jaħsbu biex jitlaqqmu, jiżnu l-benefiċċji u r-riskji biex jagħmlu l-aħjar deċiżjoni possibbli (jiġifieri wieġbu 4 jew 5)
- Responsabbiltà kollettiva: % li jaqblu li jitlaqqmu peress li b'hekk ikunu qed jipproteġu persuni oħra (jiġifieri wieġbu 4 jew 5)

Punteġġ medju għal kull C stratifikat skont l-età, il-ġeneru, l-edukazzjoni, ir-reġjun u l-status tal-impjieg.

Kaxxa 3: Analiżi inferenzjali:

Indikaturi ta' previżjoni soċjodemografiċi għal kull C:

Eżitu: Fiduċja (punteġġ medju 1-5): Indikaturi ta' previżjoni: età, ġeneru, edukazzjoni, reġjun, status tal-impjieg

Eżitu: Kompjaċenza (punteġġ medju 1-5): Indikaturi ta' previżjoni: età, ġeneru, edukazzjoni, reġjun, status tal-impjieg

Eżitu: Restrizzjonijiet (punteġġ medju 1-5): Indikaturi ta' previżjoni: età, ġeneru, edukazzjoni, reġjun, status tal-impjieg

Eżitu: Kalkolu (punteġġ medju 1-5): Indikaturi ta' previżjoni: età, ġeneru, edukazzjoni, reġjun, status tal-impjieg

Eżitu: Responsabbiltà kollettiva (punteġġ medju 1-5): Indikaturi ta' previżjoni: età, ġeneru, edukazzjoni, reġjun, status tal-impjieg

F'din l-analiżi, kull waħda mill-5Cs tiġi ttrattata bħala eżitu, u l-varjabbli soċjodemografiċi jiġu ttestjati bħala indikaturi ta' previżjoni. Dan se jgħin biex wieħed jifhem jekk il-varjabbli soċjodemografiċi għandhomx impatt fuq il-punteġġ medju ta' kull wieħed mill-5Cs. Peress li r-risultat hu punteġġ medju, tista' ssir rigressjoni lineari. L-eżitu ta' dawn l-analiżijiet huwa koeffiċjent li jikkwantifika r-relazzjoni bejn l-indikatur ta' previżjoni u l-eżitu, li jindika l-bidla mistennija fil-punteġġ medju tal-eżitu għal bidla ta' unità waħda fil-varjabbli tal-indikatur ta' previżjoni.

Indikaturi ta' previżjoni ta' persuni mlaqqma skont ir-rakkomandazzjonijiet

Eżitu: Tilqim li ngħata skont ir-rakkomandazzjonijiet (Xejn, Xi ftit, Kollha). Indikaturi ta' previżjoni: Punteġġi medji tal-5Cs kollha, l-età, il-ġeneru, l-edukazzjoni, ir-reġjun, l-istatus tal-impjeg

Indikaturi ta' previżjoni tad-dewmien jew tar-rifjut tat-tilqim

Eżitu: rifjut tat-tilqim (Xejn, Xi ftit, Kollha). Indikaturi ta' previżjoni: Punteġġi medji tal-5Cs kollha, l-età, il-ġeneru, l-edukazzjoni, ir-reġjun, l-istatus tal-impjeg

Indikaturi ta' previżjoni tal-intenzjoni ta' tilqim

Eżitu: intenzjonijiet ta' tilqim (punteġġ ta' 1–5). Indikaturi ta' previżjoni: Il-punteġġi medji tal-5Cs kollha, l-età, is-sess, l-edukazzjoni, ir-reġjun, l-istatus tal-impjeg.

Pariri addizzjonali dwar l-analiżi inferenzjali

Meta jiġi analizzat varjabbli tar-risultati bi tliet jew ħames kategoriji ordinali, l-għażla ta' mudell ta' rigressjoni xieraq tiddependi minn kif jiġi ttrattat ir-risultat. Barra minn hekk, l-għadd ta' osservazzjonijiet f'kull kategorija għandu rwol kruċjali. Jekk xi kategoriji jkollhom ftit wisq osservazzjonijiet, jista' jkun hemm bżonn li jiġu kkollassati biex tiġi żgurata setgħa statistika.

Jekk l-eżitu jinżamm fil-forma ordinali tiegħu, jista' jintuża mudell ta' rigressjoni loġistika ordinali, jekk wieħed jassumi li jkun hemm suppożizzjoni ta' probabbiltajiet proporzjonali. Dan it-tip ta' rigressjoni jitratta t-tweġibiet bħala stadji ordnati, jekk wieħed jassumi li ċ-ċaqliq minn rispons ta' 1 ("Ma naqbel xejn") għal 2 ("Ma naqbilx") huwa simili għaċ-ċaqliq minn 4 ("Naqbel") għal 5 ("Naqbel ħafna") f'termini ta' fatturi ta' influwenza. Pereżempju, jekk il-fatt li tkun mara jżid il-probabbiltà li tiċċaqlaq minn 1 għal 2, dan iżid ukoll il-probabbiltà li tiċċaqlaq minn 3 ("Newtrali") għal 4 ("Naqbel") bl-istess proporzjon, meta mqabbla mal-irġiel. Bl-istess mod, jekk l-età żżid il-probabbiltà li wieħed iżid punt (eż. minn 2 għal 3), hemm is-suppożizzjoni li jkollha l-istess effett proporzjonali f'kull stadju tal-iskala (eż. anke minn 4 għal 5). Din is-suppożizzjoni tissejjaħ is-suppożizzjoni ta' probabbiltà proporzjonali.

Inkella, jekk l-eżitu jiġi kkollassat f'żewġ kategoriji biss (eż. l-eżitu "It-tilqim li ngħata skont ir-rakkomandazzjonijiet" jiġi maqsum f'0 = Mhux kompletament imlaqqma (jinkludi "Xejn" u "Xi ftit") u 1 = Imlaqma kompletament ("Ingħataw il-vaċċini rrakkomandati kollha"), mela mudell ta' rigressjoni loġistika binarja huwa l-aktar għażla xierqa, li jistma kif dawn il-fatturi jżidu jew inaqqsu l-probabbiltà li persuna titlaqqam kompletament. Kemm għal rigressjoni loġistika ordinali kif ukoll għal rigressjoni loġistika binarja, l-eżitu se jiġi ppreżentat fi proporzjonijiet ta' probabbiltà.

Jekk l-eżitu ta' ħames kategoriji jitnaqqas għal tliet kategoriji, jista' jintuża mudell ta' rigressjoni loġistika multinominjali. Nassumu li aħna niġbru flimkien ir-reazzjonijiet tal-intenzjoni tat-tilqim (punteġġ ta' 1–5) fi tliet kategoriji: intenzjoni baxxa (1–2 = "Mhux probabbli li titlaqqam"), intenzjoni moderata (3 = "Ma tafx" jew "Newtrali") u intenzjoni għolja (4–5 = "Probabbli li titlaqqam"). Peress li dawn it-tliet kategoriji ma għandhomx ordni stretta (jiġifieri li tkun "Moderat" mhux neċessarjament fin-nofs bejn "Baxx" u "Għoli"), nistgħu nużaw rigressjoni loġistika multinominjali minflok mudell ordinali. Il-mudell jagħżel kategorija waħda bħala l-grupp ta' referenza (eż. "intenzjoni baxxa") u se jistma l-probabbiltà ta' "Moderat" vs "Baxx u Għoli" vs "Baxx". L-eżitu ta' rigressjoni loġistika multinominjali jingħata fil-forma ta' proporzjonijiet relattivi ta' riskju.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-għażla tal-mudell tiddependi kemm minn kunsiderazzjonijiet teoretiċi kif ukoll minn restrizzjonijiet prattiċi, bħad-daqs tal-kampjun tal-osservazzjonijiet fil-kategoriji kollha. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jenfasizzaw l-importanza ta' espert fl-istatistika fuq it-tim ta' riċerka multidixxiplinari.

Pariri addizzjonali dwar metodi kwalitattivi

Ir-risultati mill-għodda ta' sħarriġ se jipprovdu fehim fundamentali tal-ostakli u l-faċilitaturi għall-aċċettazzjoni tat-tilqim f'popolazzjoni speċifika. Madankollu, huwa improbabli li jispjegaw għaliex jeżistu dawn l-ostakli u l-faċilitaturi. Il-metodi kwalitattivi jistgħu jipprovdu għarfien f'dan il-qasam billi jgħinu biex jinkixfu l-isfumaturi tal-kuntest, billi joffru ideat rigward kif għandhom jiġu indirizzati l-ostakli speċifiċi u l-faċilitaturi għall-aċċettazzjoni tat-tilqim [44].

Metodi kwantitattivi vs kwalitattivi

Il-metodi kwantitattivi huma utli għall-akkwist ta' *data* numerika u għat-tweqqif ta' analiżi statistika dwar il-qasam ta' prijorità tar-riċerka. Pereżempju, sħarriġ kwantitattiv jista' jgħin biex jipprovdi fehim tar-rieda tal-individwu jew tal-komunità li jlaqqmu u l-ostakli li jistgħu jkun qad jiffaċċjaw. Madankollu, peress li ħafna strumenti ta' għir ta' *data* kwantitattiva – bħal sħarriġ jew reġistri – huma mfaasla minn qabel mir-riċerkaturi bi tweġibiet fissi, l-għarfien iġġenerat huwa limitat għal kwistjonijiet li diġà huma magħrufa li huma mifhuma b'mod inadegwat. Il-metodi kwantitattivi jiffukaw ukoll fuq il-fehim tat-tendenzi ċentrali ta' popolazzjoni, li jistgħu jillimitaw eżaminazzjoni aktar profonda tar-raġunijiet li wasslu għal dawn it-tendenzi jew eċċezzjonijiet.

Min-naħa l-oħra, il-metodi kwalitattivi jużaw lir-riċerkatur bħala strument għall-ġbir tad-*data*. Dawn isegwu approċċ sistematiku iżda flessibbli għall-ġbir tad-*data*, bl-użu ta' tfassil emerġenti b'adattamenti magħmula matul il-proċess kollu. L-użu ta' mistoqsijiet miftuħa huwa ċentrali fil-metodi kwalitattivi, li jippermetti lir-rispondenti jwieġbu u jiddeskrivu l-esperjenzi u l-fehmiet tagħhom bil-kliem u l-lingwa tagħhom. Huwa kruċjali li jinġabru l-ħsibijiet, is-sentimenti u l-attitudnijiet tal-parteċipanti biex jinkiseb għarfien kulturali u soċjali, peress li l-parteċipanti jistgħu jgħinu jiddefinixxu u jqajmu l-kwistjonijiet li huma importanti għalihom.

L-għażla tal-parteċipanti

Tista' tintuża varjetà ta' tekniki ta' teħid ta' kampjuni biex jintgħażlu parteċipanti fir-riċerka kwalitattiva, bit-teħid ta' kampjuni bi skop (jiġifieri l-għażla ta' parteċipanti li x'aktarx ikunu l-aktar rilevanti għar-riċerka) jintuża b'mod komuni. L-għadd ta' parteċipanti normalment jiġi definit abbażi ta' "saturazzjoni tad-*data*", li jintlaħaq meta ma tinġabar l-ebda informazzjoni analitika/rilevanti sostanzjalment ġdida, f'liema punt jista' jiġi konkluż il-proċess tal-ġbir tad-*data* [45]. Il-metodi ta' ġbir tad-*data* u t-tekniki ta' analiżi użati se jkun gwidati mill-mistoqsijiet tar-riċerka.

Ġbir tad-*data*

Żewġ metodi ta' ġbir tad-*data* kwalitattiva li jistgħu jkun rilevanti f'dan il-kuntest jinkludu [46]:

- **Intervisti semistrukturati**, li jsiru wiehəd wiehəd ma' riċerkatur u parteċipant. Spiss tintuża gwida għall-intervista, li jkollha mistoqsijiet rilevanti biex jitwieġbu l-mistoqsijiet ġenerali tar-riċerka. L-intervisti semistrukturati tipikament idumu 40–60 minuta u jistgħu jsiru wiċċ imb wiċċ jew online, preferibbilment f'ambjent kwiet u mingħajr distrazzjoni. L-intervisti huma ideali biex wiehəd jifhem l-opinjoni, l-esperjenzi, it-tweġmin u l-motivazzjonijiet ta' individwi mingħajr influwenza minn oħrajn, kif ukoll biex jiġu diskussi kwistjonijiet sensitivi.
- Min-naħa l-oħra, **id-diskussjonijiet tal-grupp fokus** isiru fi gruppi, b'faċilitatur u tipikament b'minn tlieta sa tmien parteċipanti. Ta' spiss tintuża wkoll gwida ta' diskussjoni mfassla għall-mistoqsijiet ġenerali tar-riċerka. B'kuntrastrast mal-intervisti, dan il-metodu huwa utli biex wiehəd jifhem id-dinamika u n-normi tal-grupp f'komunità, inklużi s-similaritajiet u d-differenzi fil-perspettivi. Il-gruppi fokus jeħtieġ li jiġu ffaċilitati b'ħila biex jiġi żgurat li l-parteċipanti kollha jħossuhom komdi jaqsmu l-opinjoni tagħhom.

Hemm xi affarijiet komuni li għandek iżżomm f'moħħok biż-żewġ metodi:

- Il-gwida għall-intervista/diskussjoni għandha tagħti żmien biżżejjed biex tiġi stabbilita l-fiduċja bejn ir-riċerkatur u l-parteċipant(i). Il-mistoqsijiet inizjali jistgħu jkun *icebreakers* aktar każwali, segwiti minn mistoqsijiet wesgħin dwar is-suġġett, u mbagħad biss jgħaddu għal mistoqsijiet aktar speċifiċi jew sensitivi.
- Il-mistoqsijiet għandhom ikunu miftuħa, jiġifieri ma jistgħux jitwieġbu b"iva" jew "le". Dan biex il-parteċipanti jiġu mħeġġa jaqsmu b'mod miftuħ u wiesa'.
- Mistoqsijiet gwida, jiġifieri mistoqsijiet li jindikaw lill-parteċipanti lejn tweġiba partikolari, għandhom jiġu evitati.
- L-intervistar u l-faċilitazzjoni għandhom ikunu flessibbli. Il-parteċipant(i) jista'/jistgħu jippreżenta(w) suġġetti li huma rilevanti għall-mistoqsijiet ġenerali tar-riċerka iżda li mhumiex koperti fil-gwida. Għandu jingħata ħin lil dawn id-diskussjonijiet, u l-konverżazzjoni tista' terġa' tingħeb għall-bqija tal-mistoqsijiet meta jkun xieraq.
- L-intervistatur u l-faċilitatur għandhom ikunu empatiċi u konxji ta' meta l-parteċipanti jieqfu jikkellmu, jbiddu l-konverżazzjoni jew iwaqqfuha biex tiġi żgurata l-kumdità tal-parteċipanti, b'mod partikolari meta jiġu diskussi kwistjonijiet sensitivi.

Analiżi tad-*data*

Il-metodi kwalitattivi joffru varjetà ta' għażliet għall-analiżi tad-*data* u l-flessibbiltà fl-użu tagħhom, li jippermettulek tagħżel dawk li jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tiegħek. Tnejn minn dawn huma l-analiżi tal-kontenut u l-analiżi tematika. Jekk l-analiżi tad-*data* kwalitattiva tista' tidher fuq spettru, l-analiżi tal-kontenut għandha t-tendenza li tkun aktar deskrittiva, filwaqt li l-analiżi tematika għandha t-tendenza li tkun aktar interpretattiva.

L-analiżi tal-kontenut hija terminu ġeneriku għall-"kodifikazzjoni u l-kategorizzazzjoni sistematika" tad-*data* testwali [47]. Abbażi tat-teoriji tal-komunikazzjoni, ix-xejriet u l-frekwenzi tal-kliem jiġu analizzati biex jinstabu x-xejriet u t-tifsira. "Kodiċijiet" (jiġifieri unitajiet żgħira ta' test b'tifsira) huma organizzati f'kategoriji bbażati fuq mudelli komuni. Dan jista' jsir kemm b'mod induttiv (jiġifieri maħluq mid-*data*) kif ukoll b'mod deduttiv (jiġifieri li jkun hemm kategoriji preeżistenti derivati minn teorija, qafas jew mudell). L-analiżi tal-kontenut tista' ssir b'mod kwantitattiv, pereżempju, billi jingħadd in-numru ta' drabi li titqajjem kwistjoni partikolari f'diskussjoni. Madankollu, b'approċċ kwalitattiv, il-kuntest tal-kliem jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll biex tinftiehem it-tifsira kemm apparenti kif ukoll sottostanti.

Analiżi tematika tirreferi għall-proċess ta' identifikazzjoni ta' temi jew mudelli ta' interess fi ħdan id-*data* [48]. Għalkemm tibda bi proċess ta' kodifikazzjoni simili għal dak fl-analiżi tal-kontenut, l-analiżi tematika tmur lil hinn mill-kategorizzazzjoni tad-*data* u tipprova tinterpreta t-tifsira latenti f'test (jiġifieri tiddeduċi x'ideat,

suppożizzjonijiet, kunċettwalizzazzjonijiet u ideoloġiji jistgħu jkunu qed isawru dak li jingħad mill-parteċipanti). Dawn it-temi jistgħu jinħolqu b'mod induttiv jew deduttiv; madankollu, spiss se jkun hemm aġġustamenti għal temi deduttivi biex jiġu riflessi t-tifsiriet latenti identifikati fis-sett tad-*data* tiegħek.

Għodod li jippermettu l-awtoriflessjoni u jtaffu l-preġudizzji

Huwa importanti li wieħed jiftakar li fi kwalunkwe riċerka tas-saħħa pubblika, kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, ir-riċerkaturi mhumieq sempliċiment osservaturi passivi iżda jistgħu jinfluwenzaw b'mod attiv ir-riċerka u l-eżitu tagħha. L-istadji kollha meħuda mir-riċerkaturi matul il-proċess, mill-istabbiliment tal-mistoqsijiet ta' riċerka sal-analiżi tad-*data*, huma influwenzati mill-isfondi, il-perspettivi u l-preġudizzji speċifiċi konxji jew inkonxji tagħhom. Huwa importanti li dan jiġi indirizzat b'mod proattiv matul il-proċess ta' riċerka u li r-riżultati jiġu interpretati kif xieraq. Il-metodoloġija kwalitattiva tar-riċerka għandha f'tit għodod biex tippermetti dan il-proċess ta' awtoriflessjoni u biex ittaffi l-preġudizzji, inklużi:

- **Dikjarazzjonijiet ta' riflessività** – Ir-riċerkaturi jridu jagħmlu awtoriflessjoni u jistaqsu lilhom infushom għaliex huma involuti fir-riċerka, x'preġudizzji jista' jkollhom dwar il-grupp fil-mira fir-rigward tas-suġġett tar-riċerka, u kif partijiet mill-identità jew l-isfond tagħhom jistgħu jinfluwenzaw kif iwettqu r-riċerka jew jinterpretaw ir-riżultati. Din l-awtoriflessjoni mbagħad tinġabar fil-qosor f'paragrafu qasir u tiġi inkluża mat-tixrid tar-riżultati għat-trasparenza [49].
- **It-triangolazzjoni tal-investigatur/Il-verifika tal-membri** – Żewġ riċerkaturi jew aktar jistgħu jikkodifikaw taqsima ta' *data* b'mod indipendenti, imbagħad iqabblu l-kodiċijiet biex isibu differenzi u similaritajiet, qabel ma jilħqu kunsens dwar kif jinterpretaw u jkkategorizzaw id-*data*. Dan iżid il-kredibbiltà tar-riżultati. Proċess simili jista' jitwettaq ukoll mal-parteċipanti mill-grupp fil-mira, bħala mezz ta' validazzjoni tal-għarfen derivat mid-*data* li jkunu kkontribwew għaliha. Dan huwa magħruf bħala verifika tal-membri[50].

Riżorsi oħra

Hemm diversi riżorsi disponibbli li jiddeskrivu l-proċess ta' riċerka f'aktar dettall, inkluż kif titwettaq analiżi tad-*data* u jiġu interpretati s-sejbiet. Dawn jinkludu:

- [“A field guide to qualitative research for new vaccine introduction”](#) tad-WHO
- [“Rapid qualitative research to increase COVID-19 vaccination uptake: a research and intervention tool”](#) tad-WHO

Il-lista ta' kontroll [“Consolidated criteria for reporting qualitative research \(COREQ\)”](#) hija gwida utli għar-rapportar u d-deskrizzjoni tar-riċerka kwalitattiva.

2.2 Metodi biex jiġu indirizzati l-ostakli tal-imġiba għat-tilqim

Librerija ta' interventi biex tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tilqim

It-tabelli ta' hawn taħt joffru librerija ta' interventi minn livelli nazzjonali u subnazzjonali biex jispiraw u jinfurmaw it-tfassil tal-interventi biex tiġi indirizzata l-kopertura subottimali ta' tilqim. L-eżempji huma relatati mat-tilqim fit-tfulija (Tabella 3), mat-tilqim kontra l-virus tal-papilloma uman (HPV) (Tabella 4), mat-tilqim kontra l-COVID-19 u l-influenza (Tabella 5), u mat-tilqim kontra mard ieħor (pertussis u mpox) (Tabella 6). Ħafna mill-interventi jiffukaw fuq popolazzjonijiet vulnerabbli, bħall-migranti, u huma bbażati fuq l-appoġġ tal-konverżazzjoni bejn il-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa li huma responsabbli biex jipprovdu t-tilqim u l-pazjenti. Jiġu ppreżentati wkoll interventi multinazzjonali ffinanzjati mill-UE jew parzjalment iffinanzjati mill-UE (Tabella 7).

Biex jiġbor dawn l-eżempji ta' interventi nazzjonali u sottonazzjonali, id-Direttur tal-ECDC ikkuntattjat lill-Korpi Kompetenti ta' Koordinazzjoni taċ-Ċentru fl-4 ta' Settembru 2024. Hija talbithom jinnominaw espert jew esperti dwar l-aċċettazzjoni tat-tilqim f'pajjiżhom li jistgħu jirrispondu l-istħarriġ (Kaxxa 4) u jkunu disponibbli biex jagħmlu kwalunkwe kjarifika ulterjuri meħtieġa. Intbagħtet tfakkira fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru 2024.

Kaxxa 4: Kwestjonarju lill-esperti nazzjonali dwar l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim

1. Organizzazzjoni ewlenija (jiġifieri l-isem tal-organizzazzjoni li mexxiet l-intervent ġenerali)
2. Kollaboraturi (jiġifieri l-ismijiet ta' kwalunkwe organizzazzjoni li assistiet fit-tfassil/fl-implimentazzjoni u/jew fl-evalwazzjoni tal-intervent)
3. Livell ta' intervent (jiġifieri f'liema livell ġie implimentat l-intervent?) – Rispons b'għażla waħda:
 - a. Nazzjonali

- b. Reġjonali
 - c. Lokali/Komunità
 - d. Livelli multipli
 - e. Oħrajn: Jekk jogħġbok speċifika: *Test liberu*
4. Popolazzjoni fil-mira (jiġifieri liema kienu l-grupp(i) tal-popolazzjoni fil-mira għall-intervent tiegħek?) – Rispons b'għażla waħda:
- a. Pubbliku ġenerali
 - b. Adulti (minn 18-il sena 'l fuq)
 - c. Tfal (sa u inkluż l-età ta' 12-il sena)
 - d. Adolexxenti (bejn it-13 u s-17-il sena)
 - e. Ġenituri/Indoktraturi
 - f. Anzjani
 - g. Popolazzjonijiet soċjalment vulnerabbli
 - h. Ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa
 - i. Media
 - j. Oħrajn – Jekk jogħġbok speċifika *Test liberu*
6. Jekk jogħġbok ipprovi kwalunkwe dettall rilevanti ieħor dwar il-popolazzjoni fil-mira tiegħek: *Test liberu*
7. Jekk jogħġbok iddeskrivi l-intervent fil-qosor. Aħna interessati fl-aspetti li ġejjin (tweġiba qasira iżda komprensiva):
- a. X'kien l-oġettiv speċifiku tal-intervent fir-rigward tal-popolazzjoni(jiet) fil-mira?
 - b. X'kien ir-raġunament li wassal għall-intervent? (Ikkondividi kwalunkwe raġunament jew motivazzjoni li wasslu għall-intervent, inklużi *data*/esperjenza ta' riċerka/kopertura preċedenti, kif applikabbli)
 - c. Meta u fejn seħħ l-intervent?
 - d. X'kienu l-attivitajiet ewlenin tiegħu?
 - e. X'kienu r-riżultati jew l-impatti tal-intervent? (Ikkondividi kwalunkwe dettall ta' evalwazzjonijiet formali jew informali jekk applikabbli)
 - f. X'tiddeskrivi bħala t-tagħlimiet ewlenin li tgħallimt mill-proċess tat-tfassil/tal-implimentazzjoni/tal-evalwazzjoni tal-intervent? Jekk jogħġbok ikkondividi d-dettalji ta' kwalunkwe faċilitatur, ostaklu u sfida, kif ukoll kwalunkwe soluzzjoni jew għarfien li għart fil-proċess.
8. Għandek sit web pubbliku estern jew dokument li jiġbor fil-qosor l-intervent jew jipprovi informazzjoni dwar attivitajiet ewlenin? Ikkondividi link hawnhekk (jekk applikabbli): *Test liberu* Jew tella' l-fajls rilevanti hawnhekk (jekk applikabbli): *Kaxxa għall-applowdjar tal-fajls*
- Hemm xi ħaġa oħra li tixtieq tikkondividi dwar l-intervent u l-esperjenza tiegħek? *Test liberu*

Erbatax minn 30 pajjiż tal-UE/taż-ŻEE rrispondew, u pprovdew total ta' 26 eżempju ta' interventi, li minnhom 24 huma inklużi fit-tabelli ta' hawn taħt. Id-deskrizzjonijiet tal-interventi ta' hawn taħt ġew editjati f'tit sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-istil u l-preżentazzjoni, iżda huma ppreżentati mod ieħor kif kondiżi mill-pajjiżi fit-tweġibiet tagħhom għall-istħriġ (inklużi links fejn ipprovduti). F'xi każijiet, l-informazzjoni ġiet ikkumplementata b'email matul il-fażi ta' rieżami estern, u din ġiet inkorporata fit-test ta' hawn taħt.

Saret sessjoni ta' ħidma mal-persunal tal-ECDC u ma' espert estern biex jiġu rieżaminati l-eżempji ta' intervent u jiġi kklassifikat kull intervent bl-użu tal-mudell tal-5Cs. Ħafna mill-interventi koprew tnejn jew aktar mill-5Cs, b'maġġoranza li tindirizza l-Fiduċja u/jew ir-Restrizzjonijiet. Inqas eżempji indirizzaw il-Kalkolu jew il-Kompjaċenza, u l-ebda eżempju ma indirizza r-Responsabbiltà kollettiva.

L-ECDC għamel ukoll kuntatt ma' diversi proġetti multinazzjonali ffinanzjati mill-UE permezz ta' koordinazzjoni ma' Eurohealthnet, inkluż RIVER-EU (Tnaqqis tal-Inugwaljanzi fit-teħid tat-Tilqim fir-Reġjun Ewropew) u ActoVax4NAM (Aċċess għat-Tilqim għall-Migranti li Għadhom Jaslu) [34,35]. Espert nazzjonali fi Franza, kif identifikat mill-Korp ta' Koordinazzjoni Kompetenti tal-ECDC fi Franza, ipprova wkoll kuntatt mal-koordinaturi tal-JITSUVAX (Jiu Jitsu b'miżinformazzjoni fi żmien il-COVID-19) [36]. Aktar informazzjoni dwar dawn il-proġetti multinazzjonali ffinanzjati mill-UE hija inkluża fit-Tabella 7.

Tabella 3. Interventi relatati ma' programmi ta' tilqim fit-tfulija

Stat Membru	Udjenza fil-mira	Deskrizzjoni tal-intervent	Cs Korrispondenti
Id-Danimarka [51]	Ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa	Sar modulu ta' taħriġ ta' nofs ġurnata għall-infermiera tas-saħħa pubblika minn bosta mit-98 muniċipalità fid-Danimarka. It-taħriġ kien jinkludi għarfien dwar il-Programm Daniż tat-Tilqim fit-Tfulija u l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim, kif ukoll gwida dwar il-komunikazzjoni mal-ġenituri li jinsabu eżitanti fir-rigward tat-tilqim. L-infermiera nħatru "ambaxxaturi tat-tilqim" u ġew imħeġġa jaikkondividu dak li tgħallmu ma' kollegi oħra. L-infermiera ntgħażlu bħala l-grupp fil-mira għat-taħriġ minħabba ż-żjarat regolari	Fiduċja

		tagħhom lil ġenituri ġodda u l-preżenza tagħhom fl-iskejjel. Il-programm twettaq fl-2019, fl-2021 u fl-2022. Ma saritx evalwazzjoni sistematika iżda l-feedback inġabar fl-aħħar ta' kull jum. L-infermiera apprezżaw l-informazzjoni aġġornata dwar il-mard kopert mill-programm ta' tilqim u apprezżaw l-oportunità li jiltaqgħu u jiddiskutu l-esperjenzi mal-kollegi. L-interess fil-programm baqa' konsistenti kull sena.	
Franza [52-54]	Ġenituri/Indoktraturi	Il-qwiebel ġew imħarrġa dwar l-użu ta' intervistar motivazzjonali (MI) biex jippreparaw lill-ommijiet li kienu għadhom kif welldu u lis-sħab tagħhom għat-tilqim tat-trabi tat-twelid tagħhom. L-esperjenza minn Quebec uriet li meta tinbena sħubija mal-professionist fil-qasam tal-kura tas-saħħa, l-intervistar motivazzjonali jista' jgħin biex isaħħaħ il-motivazzjoni u l-impenn ta' persuna għall-bidla fl-imġiba. L-intervent sar minn Novembru 2021 sa April 2022 f'żewġ swali tal-maternità: Sainte Musse, Toulon; Saint Joseph, Marsilja fix-Xlokk ta' Franza. Saret prova kkontrollata aleatorja li sabet tnaqqis sinifikanti ta' 33 % fit-tħassib dwar it-tilqim fil-fergħa tal-intervistar motivazzjonali meta mqabbel ma' tnaqqis mhux sinifikanti ta' 17 % fil-fergħa tal-kontroll (fuljett). It-tnaqqis inizjalment imkejje fit-tħassib dwar it-tilqim baqa' daqstant kbir meta l-ommijiet ġew ikkuntattjati seba' xhur wara li telqu mis-sala tal-maternità. Grupp ta' ħidma kollaborattiv qed jeżamina t-trasferibbiltà ta' dan l-intervent lejn popolazzjonijiet oħra fil-mira. Dan l-intervent kien parzjalment appoġġat mill-għotja tal-Unjoni Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020, 964728 (JITSUVAX) deskritta fit-Tabella 7. Aktar informazzjoni: www.jitsuvax.com	Fiduċja, Kalkolu
L-Iżvezja [55,56]	Ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa	Il-Programmi tat-Tfassil Apposta tal-Immunitazzjonijiet (TIP) tad-WHO, inkluż proċess gradwali għall-identifikazzjoni tal-ostakli u tal-faċilitaturi għat-tilqim fil-kuntest lokali tagħhom, it-tfassil u l-iżvilupp ta' interventi mfassla apposta, u l-implimentazzjoni u l-attivitajiet ta' segwitu, ġew tradotti u adattati għall-kuntest Żvediż għall-implimentazzjoni reġjonali. S'issa, erba' reġjuni bdew proġetti pilota bbażati fuq din il-gwida. L-attivitajiet ewlenin jinkludu sessjonijiet ta' ħidma biex jiġi ffaċilitat il-metodu tat-TIP ma' kull wieħed mill-atturi reġjonali responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programmi Nazżjonali ta' Immunitazzjoni (NIP). Saru wkoll laqgħat u lekċers konġunti mal-atturi reġjonali, kif ukoll kooperazzjoni u skambju ta' esperjenzi. L-adattament huwa bbażat fuq ħidma preċedenti fuq il-gwida tat-TIP fl-2013 li tiffoka fuq komunità Somala barra Stokkolma. Dan sar peress li, minkejja kopertura ġeneralment għolja ta' tilqim fl-Iżvezja għat-tilqim tat-tfal fl-NIP, hemm bżonn li l-atturi reġjonali u lokali jiġu appoġġati aħjar biex jifhmu l-bidliet fil-kopertura u l-aċċettazzjoni tat-tilqim. Dak li intwera b'mod ċar hu li minbarra t-traduzzjoni, huwa meħtieġ adattament kuntestwali kontinwu. Il-proġetti pilota jiffaċilitaw il-bini tal-kapaċità konġunta u t-tagħlim kollettiv u l-ġenerazzjoni tal-għarfien. Il-proġetti pilota bdew fl-2021 u għadhom għaddejjin sal-2025, b'evalwazzjoni ppjanata għal aktar tard. Il-gwida Żvediża tat-TIP se tiġi riveduta u aġġornata fl-2025 abbażi tal-feedback u t-tagħlimiet li tteħdu fil-ħidma bl-erba' proġetti pilota.	Fiduċja, Restrizzjonijiet, Kompjaċenza
L-Iżvezja [57,58]	Ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa	Ġew żviluppati materjali edukattivi biex jappoġġaw id-djalogu dwar it-tilqim. Dan l-intervent huwa mmirat lejn l-infermiera u t-tobba li jaħdmu fil-qasam tat-tilqim fis-servizzi tal-kura tas-saħħa tat-tfal jew tal-iskejjel. Jista' jintuża wkoll minn professjonisti oħra fil-qasam tal-kura tas-saħħa li jaħdmu fil-qasam tat-tilqim. L-oġettiv huwa li l-infermiera li jlaqqu jġu appoġġati fil-bini tal-fiduċja matul il-konverżazzjoni mal-ġenituri, billi tiġi pprovduta għodda għal djalogu strutturat u miftuħ u moduli ta' taħriġ għar-riflessjoni u t-taħriġ flimkien mal-kollegi fl-ambjent lokali. Id-djalogu bejn il-persunal fil-qasam tal-kura tas-saħħa u l-ġenituri huwa magħruf li huwa għodda b'saħħitha għall-bini tal-fiduċja fit-tilqim. Is-sejbiet minn studju ta' intervisti kwalitattivi tal-2019 mill-Aġenzija tas-Saħħa Pubblika tal-Iżvezja mal-infermiera (il-kura tas-saħħa tat-tfal u l-kura tas-saħħa fl-iskejjel) indikaw lakuna fl-appoġġ u fl-istruttura għall-infermiera biex jindirizzaw xi okkażjonijiet fejn ħassewhom skomdi u ma kinux	Fiduċja, Restrizzjonijiet, Kompjaċenza

		jafu kif setgħu jirrispondu għall-mistoqsijiet speċifiċi tal-ġenituri u/jew l-eżitazzjoni ġenerali qabel deċiżjoni dwar it-tilqim. Biex tiġi indirizzata din il-ħtieġa, ġie żviluppat il-materjal ta' taħriġ adattat, ispirat mill-materjal ta' taħriġ tad-WHO "Conversations to building trust in vaccination and other studies". Il-materjali edukattivi ewlenin disponibbli biex jitniżżlu mill-2023 għall-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa jinkludu manwal għall-utent dwar kif iwettqu t-taħriġ, preżentazzjoni bil-PowerPoint għat-taħriġ u fuljett li jiġbor fil-qosor l-għodda f'fames stadji għall-appoġġ tad-djalogu. L-approċċ b'fames stadji għandu l-għan li jiġġenera djalogu miftuħ mal-ġenituri rigward it-tilqim filwaqt li jesplora u jindirizza mistoqsijiet li jista' jkollhom. Id-disponibbiltà tal-materjali ġiet ikkomunikata diversi drabi matul il-Ġimgħa Ewropea tal-Immunizzazzjoni u permezz ta' diversi emails lil networks professjonali. Matul l-iżvilupp tal-materjal, saru għadd ta' sessjonijiet ta' ħidma biex il-materjal jiġi ttestjat u kokreat mal-gruppi fil-mira f'xi wħud mir-reġjuni u f'networks professjonali. Wara l-pubblikazzjoni, saru għadd ta' preżentazzjonijiet u sessjonijiet ta' ħidma biex jinxtred il-materjal u jkun hemm segwitu għar-reazzjonijiet għalih. L-għodda għadha ma ġietx evalwata b'mod sistematiku. Dan se jibda fl-2025.	
Ir-Rumanija	Ġenituri/Indokraturi	L-intervent jiffoka fuq il-bgħit ta' messaġġi testwali ta' tfakkira lill-ġenituri u lill-indokraturi. Fir-Rumanija, sa mill-2011 ilu fis-seħħ Reġistru Elettroniku Nazzjonali tat-Tilqim. Il-bgħit ta' tfakkiriet permezz ta' messaġġ testwali kien intervent li ġie stabbilit fl-2018, bil-għan li tiżdied l-aderenza tal-indokraturi mat-tilqim għat-tfal skont l-iskeda nazzjonali tal-immunizzazzjoni. L-aderenza mill-indokraturi mal-vaċċini rrakkomandati għat-tfal normalment tonqos, ħlief għall-vaċċini rrakkomandati fl-ewwel jiem wara t-twelid. Dan seta' ġie kkawżat minn eżitazzjoni, iżda wkoll minħabba nuqqas ta' informazzjoni rigward l-etajiet irrakkomandati għat-tilqim u d-disponibbiltà tal-vaċċini. Il-messaġġi testwali jintbagħtu fil-livell nazzjonali, għat-tfal kollha, qabel id-data stmata għat-tilqim. Hemm pjanijiet biex jiġi vvalutat l-impatt ta' dan l-intervent.	Restrizzjonijiet

Tabella 4. Interventi relatati mat-tilqim kontra l-virus tal-papilloma uman (HPV)

Stat Membru	Udjenza fil-mira	Deskrizzjoni tal-intervent	Cs Korrispondenti
Id-Danimarka [59]	Popolazzjonijiet soċjalment vulnerabbli	L-intervent iffoka fuq id-djalogu ma' persuni minn sfondi ta' minoranza etnika bl-għan li jiġi kondiviż l-għarfien dwar it-tilqim kontra l-HPV u servizzi oħra tas-saħħa, jinkiseb għarfien dwar l-ostakli fil-gruppi fil-mira, u tiżdied il-fiduċja fis-servizzi tas-saħħa, fil-professjonisti tas-saħħa, u fl-awtoritajiet tas-saħħa. L-awtorità Daniża tas-Saħħa kkollaborat ma' Mino Danmark, biex tmexxi "Mino Talks", avveniment li jippromwovi konverżazzjoni demokratika u jagħti l-kelma liċ-ċittadini bi sfond ta' minoranza biex jiddibattu u jikkondividu l-isfidi. Saru sitt Mino Talks, u tnedew sforzi ta' sensibilizzazzjoni fl-oqsma kollha li kkontribwew għar-reklutaġġ għall-avvenimenti. Kull Mino Talk kien jikkonsisti f'żewġ diskussjonijiet f'panel, li l-ewwel waħda kienet speċifikament dwar it-tilqim kontra l-HPV u l-iskrinjar tal-kanċer ċervikali. Il-panels varjaw minn belt għall-oħra sabiex l-ilħna lokali setgħu jinstemgħu. L-avvenimenti saru f'Ottubru u Novembru 2023 fiż-żoni ta' Vejle, Brøndby, Gellerupparken (Aarhus), Vollsmose (Odense), Tingbjerg u Slagelse. Iż-żoni ntgħażlu abbażi ta' oqsma fejn jgħixu ħafna ċittadini ta' minoranza etnika. B'mod ġenerali, l-udjenza kienet involuta ħafna u staqsiet ħafna mistoqsijiet. Barra minn hekk, kien siewi l-fatt li l-panels inkludew individwi b'esperjenzi ta' ħajja li setgħu jaqsmu l-istejjer tagħhom u dan ħoloq spazju sikur.	Fiduċja, Restrizzjonijiet, Kompjaċenza
Il-Ġermanja [60]	Tfal (12-il senn u inqas),	Il-viżta tas-saħħa tal-adolesxenti (J1) – ipprovduta mill-prattikanti mediċi ġenerali u mill-pedjatri – tista' titwettaq bejn l-etajiet ta' 12 u	Restrizzjonijiet, Fiduċja, Kompjaċenza

	Adolexxenti (bejn it-13 u s-17-il sena)	14-il sena. Din hija opportunità biex jiġi vverifikat l-istat ġenerali tas-saħħa, l-istatus tat-tilqim u l-iżvilupp tal-pubertà. Viżti tas-saħħa regolari bħal dawn huma bla ħlas u jippermettu l-interazzjoni tal-adolexxenti u l-ġenituri tagħhom mal-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa, u għalhekk jippreżentaw opportunità tajba biex ifakkru lill-gruppi fil-mira dwar it-tilqim kontra l-HPV. Ir-riżultati mill-evalwazzjoni ssuġġerew ċans akbar ta' teħid ta' tilqim kontra l-HPV jekk in-nisa adolexxenti jkunu qed jużaw l-viżta tas-saħħa J1. L-assoċjazzjoni tal-viżta tas-saħħa J1 mat-teħid tat-tilqim kontra l-HPV kienet l-aktar b'saħħitha f'dawk li għandhom 12-il sena u naqset hekk kif żdiedet l-età. Din is-sejba tissuġġerixxi kemm assoċjazzjoni pożittiva tal-viżta tas-saħħa J1 mat-tilqim kontra l-HPV b'mod ġenerali, kif ukoll mat-teħid tat-tilqim f'waqtu qabel ma tibda l-attività sesswali. Madankollu, il-viżta tas-saħħa J1 għadha mhux utillizzata biżżejjed mill-adolexxenti fil-Ġermanja. Aktar informazzjoni dwar il-viżta tas-saħħa J1: Kull tifel u tifla fil-Ġermanja għandhom dritt statutorju għal 10 eżaminazzjonijiet-U. L-ispejjeż huma koperti mill-assigurazzjoni tas-saħħa. L-eżaminazzjonijiet-U jsiru fl-ewwel sitt snin tal-ħajja. F'dawn l-appuntamenti, il-pedjatra jiċċekkja jekk it-tifel jew it-tifla jkunux qegħdin jżviluppaw b'mod adattat għall-età tagħhom. Dan jinkludi suġġetti bħall-protezzjoni tat-tilqim. L-eżaminazzjonijiet-U jgħinu biex jiġi identifikat mard jew dewmien fl-iżvilupp fi stadju bikri. It-trattament f'waqtu jew l-appoġġ speċjali jista' jipprevjeni jew tal-anqas inaqqas il-konsegwenzi possibbli fuq is-saħħa. Fl-adoloxzenza, tiżdied eżaminazzjoni preventiva ulterjuri, il-J1.	
Il-Ġermanja [61]	Ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa	It-taħriġ tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa f'tekniki ta' intervistar motivazzjonali, inklużi pedjatri u assistenti mediċi li jaħdmu fi Prattiki Privati fi Bremen u fil-Bavarja, sar biex jappoġġa lill-pazjenti fid-deċizzjoni tagħhom dwar it-tilqim kontra l-HPV. L-intervent inkluda valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, bħal x'inhuma s-suġġetti diffiċli dwar it-tilqim kontra l-HPV, permezz ta' s'taħriġ rappreżentattiv. Ġew żviluppatti attivitajiet ta' taħriġ li jorbtu tekniki ta' intervistar motivazzjonali ma' suġġetti ta' tilqim kontra l-HPV. Il-prattiki privati parteċipanti rċevew jew a) taħriġ klassiku dwar l-HPV, b) taħriġ dwar intervistar motivazzjonali, jew c) l-ebda taħriġ. L-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa parteċipanti biex imexxu konverżazzjonijiet dwar it-tilqim kontra l-HPV bl-użu ta' tekniki ta' intervistar motivazzjonali għadha għaddejja fiż-żmien tas-sottomissjoni ta' data lill-ECDC f'Ottubru 2024. Il-limitazzjonijiet inkludew diffikultajiet biex jiġu reklutati ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa u biex jiġu konvinti jittgħallmu metodi ġodda.	Fiduċja
Ir-Rumanija	Gruppi ta' riskju	Il-vaċċini rimborżati (50 % sa 100 %) huma offruti għal xi gruppi b'riskju għoli (HPV; varicella; meningokokkali — B, ACWY; epatite B), b'enfasi fuq persuni b'kundizzjonijiet kroniċi. Fir-Rumanija, it-tilqim tal-adulti, inkluż it-tilqim tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, ma kienx irrappreżentat tajjeb ħafna qabel Settembru 2023. Il-vaċċin kontra l-COVID-19, l-influenza, id-dTpa għal nisa tqal, il-vaċċin tal-epatite B għal dawk li ma tlaqqmex fuq dijaliżi u t-tilqim kontra l-HPV għal adolexxenti nisa biss ġew ipprovduti mingħajr ħlas fil-programm nazzjonali tat-tilqim. Fl-aħħar ta' Awwissu 2023, ġie adottat qafas legali ġdid li jirregola r-rimborż ta' xi vaċċini għal xi gruppi b'riskju għoli, bl-għan li jiżiedu d-disponibbiltà u l-użu ta' xi vaċċini. Jiġu offruti korsijiet għall-fornituri fil-qasam tal-kura tas-saħħa flimkien ma' kampanji ta' komunikazzjoni mtejba. Uħud mir-raġunijiet għat-teħid baxx tat-tilqim fost xi gruppi b'riskju għoli huma l-kost tal-vaċċini, id-diffikultà biex ikun hemm aċċess għall-vaċċini, kif ukoll in-nuqqas ta' rakkomandazzjoni mill-fornitur fil-qasam tal-kura tas-saħħa tas-soltu. Il-valutazzjoni tal-2023–2024 ta' dan l-intervent uriet żieda fit-tilqim kontra l-HPV. Fl-ewwel 10 xhur ta' tilqim rimborżat, aktar minn 70 000 individwu bdew l-iskema ta' tilqim tagħhom. Ġiet osservata wkoll żieda fit-teħid tat-tilqim kontra l-influenza, speċjalment fit-tfal, meta mqabbel mal-istaġun preċedenti.	Restrizzjonijiet

Tabella 5. Interventi relatati mat-tilqim kontra l-COVID-19 u l-influwenza

Stat Membru	Udjenza fil-mira	Deskrizzjoni tal-intervent	Cs Korrispondent i
Il-Bulgarija [62]	Il-pubbliku ġenerali, il-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa	Pjattaforma edukattiva bbażata fuq l-internet "+men (+me)" dwar it-tilqim tnediet matul il-pandemija tal-COVID-19 biex tippromwovi t-tilqim kontra l-COVID-19 u twieġeb għat-tħassib dwar it-tilqim. L-għan kien li l-pubbliku ġenerali jiġi megħjun jagħmel għażliet infurmati dwar it-tilqim billi tiġi pprovduta informazzjoni b'lingwa sempliċi minn professjonisti mediċi fdati. Wara l-pandemija tal-COVID-19, is-sit web ġie estiż biex jinkludi l-programm sħiħ ta' immunizzazzjoni. Is-suġġetti koperti jinkludu spjegazzjonijiet tar-riskji minn mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim u l-benefiċċji tat-tilqim, kif ukoll informazzjoni dwar is-sikurezza u l-aċċess għat-tilqim. L-informazzjoni għal gruppi differenti fi ħdan il-pubbliku ġenerali hija differenzjata skont il-ħtiġijiet tagħhom. L-informazzjoni mmirata lejn il-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa tinkludi materjal ibbażat xjentifikament dwar il-benefiċċji tat-tilqim, informazzjoni dwar il-karatteristiki tat-tilqim u reġistrazzjonijiet ta' webinars ta' interess għall-professjonisti. B'dan il-mod il-proġett jaspira li jtejjeb it-tħejjija tagħhom biex japplikaw l-immunoprofilassi bl-aħjar mod u jirrispondu għat-tħassib tal-pazienti tagħhom.	Kalkolu, Kompjaċenza, Fiduċja
Id-Danimarka [63,64]	Popolazzjonijiet soċjalment vulnerabbli	Matul il-programm ta' tilqim kontra l-pandemija tal-COVID-19, ġew implimentati għadd ta' interventi ta' involviment tal-komunità inkluż it-tilqim pop-up u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni biex jintlaħqu popolazzjonijiet soċjalment vulnerabbli b'teħid ta' tilqim aktar baxx mill-medja. Għażla ta' dawn hija elenkata hawn taħt: Ġiet stabbilita hotline mill-Kunsill Daniż għar-Refuġjati fejn iċ-ċittadini bi sfond ta' minoranza etnika jistgħu jirċievu tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħhom dwar it-tilqim kontra l-COVID-19 bil-lingwa nattiv tagħhom u minn impjegati b'fehim u għarfien dwar l-isfond kulturali tagħhom. Network ta' tobba bi sfond ta' minoranza wettaq tilqim pop-up fiż-żoni lokali tal-grupp fil-mira. Il-professjonisti tas-saħħa mill-Korp tad-Djalogu dwar is-Saħħa kienu preżenti f'siti pop-up tat-tilqim, pereżempju fl-iskejjel, fl-iskejjel sekondarji u f'postijiet pubbliċi, postijiet tax-xogħol u avvenimenti kulturali, biex jikkondividu l-informazzjoni u jwieġbu għall-mistoqsijiet.	Restrizzjonijiet, Fiduċja
		Il-Fondazzjoni għar-Responsabbiltà Soċjali żviluppat materjali ta' informazzjoni distribwiti minn "ambaxxaturi" distrettwali volontarji, li kollha kemm huma rriflettew il-kompożizzjoni tal-grupp fil-mira f'termini ta' ġeneru u sfond etniku. It-tilqim pop-up sar disponibbli għall-impjegati li jaħdmu fi ktajjen ta' ħwienet kbar, fejn l-organizzazzjoni li tirrappreżenta l-ħażniet għamlet disponibbli l-faċilitajiet u l-persunal, inklużi l-istands tat-tilqim fl-imħażen. Is-Salib l-Aħmar offra akkumpanjament għat-tilqim lil ċittadini vulnerabbli fil-muniċipalitajiet kollha u kien preżenti fis-siti tat-tilqim. Il-kooperazzjoni mal-assoċjazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali ("Danmarks Almene boliger") wasslet biex l-impjegati u r-residenti tagħhom jiġu infurmati dwar it-tilqim permezz ta' artikli u kanali oħra tal-media. Saret evalwazzjoni kwalitattiva tal-esperjenzi mill-isforzi mmirati. Filwaqt li l-kawżalità ma setgħetx tiġi stabbilita, id-<i>data</i> ta' monitoraġġ fil-livell lokali wriet żieda fil-kopertura tat-tilqim minn qabel għal wara l-isforzi mmirati. Xi ħaġa importanti li ħarġet kienet li s-siti tat-tilqim pop-up ikollhom inqas suċċess b'mod sinifikanti jekk ma jkunux akkumpanjati minn sforz sostanzjali fir-rigward tal-involviment tal-komunità u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni.	

L-Estonja	Anzjani, Gruppi ta' riskju	Messaġġi personalizzati ta' tfakkira dwar l-influenza u t-tilqim kontra l-COVID-19 permezz tal-mowbajls intbagħtu mill-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa lill-anzjani u lil gruppi ta' riskju oħrajn. Ġew identifikati individwi li jaqgħu fil-gruppi fil-mira ta' riskju għall-influenza u l-COVID-19, u ġiet stabbilita sistema ta' messaġġi bil-mowbajl biex jintbagħtu tfakkiriet f'waqthom lil gruppi identifikati b'informazzjoni dwar meta u fejn għandhom jitleqqmu. Dan l-intervent tfassal minħabba l-ħtieġa li jiġu indirizzati mistoqsijiet dwar meta, fejn u min għandu jitleqqam, u biex jiġu infurzati mill-ġdid il-kampanji eżistenti fuq il-media soċjali u dik tradizzjonali. L-intervent beda sentejn ilu u għadu għaddej illum matul l-istaġun tal-influenza. Il-feedback informali mill-popolazzjoni ġenerali u mill-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa kien pożittiv, u indika dan bħala miżura komprensiva biex jittejjeb it-teħid tat-tilqim.	Restrizzjonijiet, Kompjaċenza
Il-Finlandja	Tfal (ta' 6 snin u inqas), Ġenituri/Indokrat	Saret inizjattiva biex iċ-ċentri ta' kura matul il-jum jingħataw tilqim kontra l-influenza b'vaċċinaturi miċ-ċentri muniċipali tas-saħħa. Il-gruppi fil-mira għat-tilqim kienu jinkludu tfal ta' ħames snin u inqas, kif ukoll tfal ta' 6 snin li jgħaddu minn f'ċentri ta' kura matul il-jum qabel u wara l-iskola preprimarja, u l-ġenituri u l-indokrat jekk ikunu jappartjenu għal gruppi ta' riskju. L-intervent sar f'Etelä-Sava mill-2020–2022. L-għan kien li t-tfal u l-komunità jiġu protetti mill-influenza, li tista' tinfirex faċilment, speċjalment f'ambjenti magħluqa bħaċ-ċentri ta' kura matul il-jum. Tpoġġew posters fiċ-ċentri ta' kura matul il-jum biex jinfurmaw lill-ġenituri li t-tilqim kien qed jiġi offrut, mingħajr il-ħtieġa ta' tqegħid fis-suq addizzjonali. L-ebda appuntament separat ma kien meħtieġ u t-tilqim ingħata meta l-ġenituri wasslu jew għabru lill-uliedhom miċ-ċentri ta' kura matul il-jum. Ħafna familji bit-tfal setgħu jintlaħqu b'riżorsi minimi, u l-kopertura tat-tilqim żdiedet lokalmment.	Restrizzjonijiet, Kompjaċenza
Il-Finlandja	Pubbliku ġenerali, Adulti (minn 18-il sena 'l fuq)	F'ħafna bliet, pereżempju Espoo u Tampere, it-tilqim sar disponibbli f'ċentri kummerċjali ġenerali. Il-persunal ġie miċ-ċentru tal-kura tas-saħħa tal-muniċipalità/tal-belt, b'vaċċini distribwiti miċ-ċentru farmaċewtiku/spiżerija tal-isptar lokali. Iċ-ċentri kummerċjali ġew meqjusa bħala li jinsabu f'post ċentrali u faċilment aċċessibbli, u dan għamilhom post konvenjenti għall-amministrazzjoni tat-tilqim. Meta t-tilqim jiġi offrut f'postijiet faċilment aċċessibbli, dan jista' jżid il-kopertura tat-tilqim u jgħin biex il-komunitajiet jiġu protetti mill-influenza u mill-COVID-19, billi jiffranka l-ħin u l-isforz tal-individwi. L-għoti ta' tilqim f'ambjent familjari, bħal ċentru kummerċjali, jista' jnaqqas l-istress u l-ansjetà assoċjati mal-proċeduri mediċi. It-traffiku għoli tal-klijenti fiċ-ċentri kummerċjali jippermetti li t-tilqim jiġi amministrat lil għadd kbir ta' persuni f'perjodu qasir. Madankollu, l-avvenimenti ta' tilqim organizzati fiċ-ċentri kummerċjali jeħtieġu ppjanar u organizzazzjoni tajbin biex jiġi żgurat li kollox jimxi b'mod sikur u effettiv. Permezz ta' diskussjonijiet ma' żoni fejn dan ġie implimentat mill-2020-2022, deher ċar li r-residenti f'dawn iż-żoni kienu sodisfatti b'din l-għażla. Il-persuni ma kellhomx bżonn jippjanaw żmien addizzjonali biex jitleqqmu, peress li t-tilqim ġie ttrattat flimkien ma' qadjiet oħra.	Restrizzjonijiet
Il-Greċja [65]	Popolazzjonijiet li jgħixu f'żoni remoti, Popolazzjonijiet soċjalment vulnerabbli	Minn Jannar 2021, ġew implimentati ħafna azzjonijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għat-tilqim kontra l-COVID-19 għaċ-ċittadini kollha. Il-programm ta' immunizzazzjoni ġie implimentat f'żoni u gżejjer remoti permezz tal-iżvilupp ta' ċentri addizzjonali ta' tilqim. Il-programm tat-tilqim fid-djar, inklużi t-tobba privati u l-unitajiet mobbli tal-immunizzazzjoni, ġie żviluppat biex jiffaċilita t-tilqim għal dawk li ma setgħux imorru f'ċentru tat-tilqim, inklużi gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, bħar-refuġjati, il-migranti, u l-persuni Rom. Bħala appoġġ għal dan il-proġett, ġiet żviluppata applikazzjoni ta' software ġdida għall-ippjanar u r-reġistrazzjoni ta' appuntamenti minn tobba privati u Ċentri tas-Saħħa. Id-data dwar it-tilqim inġabret permezz tal-implimentazzjoni għall-ewwel darba ta' reġistru elettroniku tal-immunizzazzjoni (IIS).	Restrizzjonijiet

L-Irlanda [66]	Professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa, Nisa tqal	L-intervent kellu l-għan li jżid l-aċċettazzjoni tat-tilqim fost in-nisa tqal billi jirrispondu għall-mistoqsijiet u t-tħassib tagħhom, b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' materjali u taħriġ għall-qwiebel. Ġie stabbilit forum nazzjonali biex jisma' u jifhem it-tħassib tan-nisa, u biex jiżviluppa materjali b'kollaborazzjoni ma' tuturi tal-qwiebel, inklużi filmati biex il-qwiebel jiġu appoġġati fil-komunikazzjoni tagħhom mal-pazjenti. Il-qwiebel huma vuċijiet fdati li huma influwenti fl-appoġġ tan-nisa matul it-tqala tagħhom. Barra minn hekk, saru webinars regolari mal-ħaddiema tas-saħħa tal-komunità biex jappoġġawhom fir-rwol tagħhom bħala messaggjiera ewlenin għall-programm ta' tilqim kontra l-COVID-19, sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw ukoll mistoqsijiet malajr b'fatti u appoġġ. Twettqet ħidma kollaborattiva ma' NGOs li jirrappreżentaw komunitajiet vulnerabbli bħall-komunità tal-ivvjaġġar (eż. Pavee Point), u ma' professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa biex jiġu żviluppati filmati b'pariri ċari u preċiżi f'10 lingwi. Il-vaċċin sar disponibbli fl-ispiżeriji u f'xi ambjenti tal-maternità. L-attivitajiet saru minn Settembru sa Diċembru 2021 fl-isptarijiet tal-maternità u fl-ispiżeriji. Xi servizzi tal-maternità wasslu kliniċi tat-tilqim f'ambjenti tal-maternità b'rata għolja ta' aċċettazzjoni. Matul l-intervent kien hemm teħid ta' 58 % fost il-pazjenti tqal u teħid ta' 77 % fost is-sħab tagħhom.	Fiduċja, Restrizzjonijiet
L-Irlanda [67]	Popolazzjonijiet soċjalment vulnerabbli	Bejn l-2021 u l-2023, ġie stabbilit forum komunitarju għall-organizzazzjonijiet tal-migranti biex jikkondividu l-aġġornamenti dwar il-programm ta' tilqim kontra l-COVID-19, biex jifhemu l-ħtiġijiet tagħhom u jappoġġaw it-talbiet tagħhom għal appoġġ. Fl-2022, kważi 12 % tal-popolazzjoni Irlandiża ma kinux ċittadini Irlandiżi. L-għan kien li jingħata appoġġ lil kull min jgħix fl-Irlanda li kien eliġibbli għat-tilqim kontra l-COVID-19 u li jiġu mifhuma r-rekwiżiti tagħhom għal informazzjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-lingwa, il-format ta' informazzjoni u kif jittkellmu dwar il-vaċċini, u jiġu indirizzati t-tħassib u l-mistoqsijiet. L-attivitajiet kienu jinkludu laqgħa online ta' kull xahar ma' gruppi komunitarji biex jinstema' t-tħassib tagħhom u jiġu indirizzati l-mistoqsijiet li kienu qed jirċievu mill-membri tagħhom, u jiġi kondiviż aġġornament ta' kull ġimgħa dwar l-attività tal-kampanja mis-servizz tas-saħħa bl-email sabiex il-gruppi jikkondividuh mal-membri tagħhom. Ġie pprovdut ukoll taħriġ adattat ta' intervistar motivazzjonali lill-komunità. Ammont żgħir ta' finanzjament sar disponibbli għall-gruppi komunitarji biex jiżviluppaw materjali għall-komunitajiet tagħhom.	Restrizzjonijiet, Fiducia
L-Irlanda [68]	Pubbliku ġenerali, Popolazzjonijiet soċjalment vulnerabbli	L-għan kien li l-vaċċin kontra l-COVID-19 isir aċċessibbli għall-akbar numru possibbli u jitnaqqas il-piż tal-marda. L-attivitajiet li ilhom għaddejjin mill-2021 jinkludu kliniki fil-komunità, pariri dwar ir-riskji tal-marda tal-COVID-19 u l-benefiċċji tat-tilqim kontra l-COVID-19, u opportunitajiet multipli biex wieħed jirċievi t-tilqim kontra l-COVID-19. Ingħatat kunsiderazzjoni speċjali lil dawk li jgħixu f'ambjenti ta' kongregazzjoni billi ġew ipprovduti vaċċini f'dawk l-ambjenti (eż. dawk fil-ħabsijiet, il-faċilitajiet ta' kura fit-tul, u r-refuġjati li qed ifittxu protezzjoni) u dawk f'popolazzjonijiet vulnerabbli (eż. dawk li jaċċessaw servizzi ta' persuni mingħajr dar). L-aċċess għat-tilqim kontra l-COVID-19 ġie pprovdut ukoll f'ambjenti fejn kienu qed iseħħu tifqigħat, pereżempju fil-faċilitajiet tal-ippakkjar tal-laħam. Il-kliniċi mobbli tat-tilqim ġew ipprovduti f'ambjenti tal-komunità u f'ċentri kummerċjali aċċessibbli. Il-vaċċin huwa disponibbli mingħajr ħlas għall-persuni eliġibbli fl-ispiżeriji parteċipanti kif ukoll għall-prattiki ta' prattikanti ġenerali. It-tifqigħat tnaqqsu bħala riżultat ta' livell għoli ta' teħid tat-tilqim. Il-fiduċja nbniel mal-komunitajiet permezz tal-fehim u l-indirizzar tat-tħassib tagħhom. L-aċċessibbiltà tat-tilqim kienet punt ċentrali meta ġie kkunsidrat kif kellhom jiġu stabbiliti kliniċi tat-tilqim. Intbagħtu wkoll messaġġi testwali u tfakkiriet bl-email lill-gruppi eliġibbli.	Restrizzjonijiet

Il-Litwanja [69]	Professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa	Intervent biex jiżdied it-tilqim tal-gruppi ta' riskju kontra l-COVID-19 billi jiġi inkluż inkentiv finanzjarju għall-professjonijiet fil-qasam tal-kura tas-saħħa biex l-individwi f'riskju jiġu mħeġġa jiksbu aġġornament kemm dwar it-tilqim kontra l-influenza staġjonali kif ukoll dwar il-COVID-19 matul l-istess żjara. Il-gruppi ta' riskju li qed jiġu rrakkomandati t-tilqim jinkludu dawk b'mard kroniku, li għandhom aktar minn 65 sena, ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, individwi li jgħixu fid-djar tal-kura, u nisa tqal. It-tilqim kontra l-COVID-19 jista' jingħata fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa personali kollha li għandhom il-vaċċini kontra l-COVID-19, mhux neċessarjament fil-faċilità tal-kura tas-saħħa personali fejn il-persuna tkun irreġistrata. Ir-reġistrazzjoni għat-tilqim issir permezz tas-Sistema ta' Reġistrazzjoni bil-Quddiem tal-Pazjenti (IPR IS); it-tilqim kontra l-COVID-19 huwa b'xejn għal kulħadd.	Restrizzjonijiet
Is-Slovakkja [70]	Gruppi soċjalment vulnerabbli	Saret kampanja biex jiġi indirizzati l-ostrakli għat-tilqim kontra l-COVID-19 speċifiċi għad-distrett ta' Rožňava, żona b'villaġġi b'popolazzjoni baxxa 'l bogħod minn xulxin, bil-għan li tiġi indirizzata l-miżinformazzjoni u s-sensibilizzazzjoni baxxa dwar il-benefiċċji tat-tilqim. Il-gruppi fil-mira ewlenin kienu emarġinati u gruppi ta' minoranza, jiġifieri l-persuni Rom u minoranza Ungeriża. Il-kampanja saret bejn Mejju 2021 u Marzu 2022, u kienet tinvolvi timijiet mobbli tat-tilqim li żaru l-bliet, il-muniċipalitajiet iż-żgħir, il-postijiet tax-xogħol u l-unitajiet domestiċi, u li ltaqgħu ma' rappreżentanti minn postijiet b'rati baxxi ta' tilqim u jiem addizzjonali ta' tilqim fl-isptarijiet. Ġiet stabbilita linja telefonika għar-reġistrazzjoni għat-tilqim u għat-tweġib ta' mistoqsijiet dwar it-tilqim. Ġiet ipprovduta informazzjoni mmirata permezz ta' fuljetti disponibbli f'diversi lingwi, riklami televiżivi, paġna web tal-kampanja u posts fuq il-media soċjali. Ir-risultat ta' dan l-intervent kien żieda fir-rati ta' tilqim minn 21 % f'Mejju tal-2021 għal 42 % f'Marzu 2022 fid-distrett ta' Rožňava, b'varjazzjoni minn 13–60 % f'muniċipalitajiet differenti. Uffiċċji reġjonali oħra tas-saħħa pubblika fis-Slovakkja wrew interess fl-applikazzjoni ta' informazzjoni intuittiva minn din l-esperjenza għall-attivitajiet tagħhom stess.	Fiduċja, Restrizzjonijiet, Kompjaċenza
L-Iżvezja	Gruppi ta' riskju	Individwi ta' bejn it-18 u l-64 sena li jappartjenu għall-gruppi ta' riskju mediku għat-tilqim kontra l-influenza huma identifikati permezz ta' rekords elettroniċi tas-saħħa (ibbażati fuq il-kodiċijiet ICD-10). Informazzjoni dwar it-tilqim kontra l-influenza staġjonali tintbagħat lil dawn l-individwi fil-forma ta' ittra fl-indirizz domiċiljari tagħhom. Dan iseħħ kull sena qabel il-kampanja ta' tilqim kontra l-influenza staġjonali. Billi jipprovdut l-informazzjoni direttament lil dawk ikkonċernati, il-persunal fil-qasam tal-kura tas-saħħa jista' jfakkarhom u b'hekk iżid il-kopertura.	Restrizzjonijiet
Ir-Rumanija	Popolazzjoni ġenerali, Gruppi ta' riskju	It-tilqim kontra l-influenza ġie pprovdut fl-ispiżeriji tal-komunità flimkien ma' programm ta' taħriġ għall-ispiżjara għall-promozzjoni u l-għoti tat-tilqim kontra l-influenza. L-ispiżeriji ġew awtorizzati jipprovdut t-tilqim kontra l-influenza, u ġew promossi l-ispiżeriji li joffru s-servizz. Fir-Rumanija, it-teħid tat-tilqim kontra l-influenza huwa baxx, kemm fost il-gruppi f'riskju kif ukoll fost il-popolazzjoni ġenerali. Dan l-intervent, li beda fl-2022–2023, kellu l-għan li jżid l-aċċess għat-tilqim kontra l-influenza, speċjalment għall-popolazzjoni ġenerali, u li jnaqqas iċ-ċirkolazzjoni komunitarja tal-virus tal-influenza. Ġew imħarrġa għadd dejjem akbar ta' spiżjara. L-għadd ta' spiżeriji rreġistrati żdied ukoll, kif ukoll l-għadd ta' tilqim kontra l-influenza mwettaq fl-ispiżeriji.	Restrizzjonijiet

Tabella 6. Interventi fuq it-tilqim kontra mard ieħor (mpox, pertussis)

Stat Membru	L-udjenza fil-mira	Deskrizzjoni tal-intervent	Cs korrispondenti
Il-Finlandja [71]	Gruppi ta' riskju ta' mpox	FI-2022, it-tilqim kontra l-mpox ingħata lill-persunal tal-HIV Point fil-faċilitajiet tagħhom. L-HIV Point huwa ġestit mill-Fondazzjoni Finlandiża għall-HIV u għandu l-għan li jippromwovi s-saħħa, il-benesseri u l-ugwaljanza għal dawk l-aktar affettwati mill-HIV, b'enfasi fuq il-prevenzjoni tal-HIV u infezzjonijiet oħrajn trażmessi sesswalment. Servizzi ta' ttestjar, appoġġ u konsulenza huma pprovduti lil dawk li għandhom l-HIV u infezzjonijiet oħra trażmessi sesswalment. L-individwi jistgħu jirċievu t-tilqim tagħhom b'mod anonimu u jiksibu informazzjoni dwar l-HIV u l-epatite B. L-individwi kienu sodisfatti bis-servizz. L-HIV Point tqies bħala post sikur fejn individwi fil-grupp ta' riskju setgħu jitleqqmu mingħajr ma jiġu identifikati jew stigmatizzati.	Restrizzjonijiet
In-Norveġja [72,73]	Nisa tqal, Ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa materna	L-intervent iffoka fuq it-tgħammir tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa biex ilaqqmu lin-nisa tqal kontra l-pertussis. L-attivitajiet kienu jinkludu l-adattament tal-linji gwida dwar il-kura ta' qabel it-twelid, iż-żieda tat-tilqim matern fil-kurrikulu tal-qwiebel, emenda regolatorja biex il-qwiebel jingħataw drittijiet ta' rekwiżizzjoni tat-tilqim, u kjarifiki legali rigward is-sorveljanza adegwata tal-kopertura tat-tilqim, l-effettività u s-sikurezza (jiġifieri l-aċċess legali għad-data personali minn diversi reġistri ċentrali tas-saħħa). L-intervent huwa mifruż mal-pajjiż kollu u jingħata matul l-eżami ta' rutina ta' qabel it-twelid fl-24 ġimgħa tat-tqala. Dawk li jmorru lil hinn mill-24 ġimgħa jiġu offruti wkoll vaċċinazzjoni ta' rkupru fil-perjodu ta' kontroll konvenjenti li jmiss. Saru sħarrijiet dwar l-attitudnijiet, l-intenzjonijiet u l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa u tan-nisa tqal fir-rigward tat-tilqim matern għall-pertussis biex jiġi infurmat l-ippjanar tal-intervent. Barra minn hekk, l-unions tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa kienu involuti u ntbagħtu wkoll ittri lill-muniċipalitajiet qabel u matul l-implimentazzjoni. L-implimentazzjoni bdiet f'Mejju 2024. Matul l-ewwel sitt xhur ta' intervent, 27 058 mara tqila fil-grupp fil-mira ġew imlaqqma, u dan irriżulta f'rata ta' kopertura stmata ta' 69 %.	Fiduċja, Restrizzjonijiet

Tabella 7. Interventi f'diversi pajjiżi ffinanzjati mill-UE jew parzjalment iffinanzjati mill-UE

Pajjiżi	Udjenza fil-mira	Deskrizzjoni tal-intervent	Cs Korrispondenti
Franza, il-Ġermanja, ir-Rumanija, ir-Renju Unit [36,74]	Ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa	JITOSUVAX (Jiu Jitsu b'miżinformazzjoni fi żmien il-COVID-19) huwa proġett iffinanzjat mill-Orizzont 2020 tal-UE kkoordinat mill-Università ta' Bristol b'ħidma ma' ħames istituzzjonijiet oħra tal-UE kif ukoll ma' waħda fil-Kanada. Il-proġett se jdum minn April 2021 sa Marzu 2025. Ġie żviluppat u ttestjat qafas f'erba' stadji biex jittejjbu l-konverżazzjonijiet dwar it-tilqim bejn il-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa u l-pubbliku, imsejjaħ it-teknika tal-Intervista Rifjutatorja Empatika (ERI), permezz ta' studji online b'membri tal-pubbliku li għandhom tħassib dwar it-tilqim, u mbagħad implimentat bħala intervent ta' taħriġ fir-Renju Unit, fi Franza, fil-Ġermanja u fir-Rumanija. L-intervent kien jinkludi t-taħriġ tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa biex jużaw l-ERI u l-valutazzjoni tal-impatt tat-tagħlim ta' din it-teknika fuq il-ħiliet u l-fiduċja tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, u l-impatt sussegwenti fuq il-fiduċja, l-attitudnijiet u t-teħid tat-tilqim tal-pazjenti. L-ERI għandha s-sisien tagħha fl-intervistar motivazzjonali iżda għandha wkoll l-għan li tindirizza direttament il-miżinformazzjoni dwar it-tilqim. L-intervent sar bejn l-2022 u l-2024. L-ittestjar online sab li l-individwi li kellhom tħassib dwar it-tilqim kienu aktar riċettivi għal ħaddiem fil-qasam tal-kura tas-saħħa li juża l-approċċ tal-	Fiduċja, Kalkolu

		ERI milli approċċ ta' kontroll ta' kontrofatturi fattwali diretti għall-kunċetti żbaljati tat-tilqim. L-interventi ta' taħriġ fl-erba' pajjiżi kollha sabu li t-taħriġ fl-ERI żied il-ħiliet u l-fiduċja tal-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa biex ikollhom konverżazzjonijiet dwar it-tilqim u jindirizzaw il-miżinformazzjoni. L-intervent tal-ERI kien parzjalment appoġġat mill-ġhotja tal-Orizzont 2020 tal-Unjoni Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, 964728 (JITSUVAX).	
Il-Greċja, il-Polonja, in-Netherlands, is-Slovakkja [34]	Komunitajiet li mhumix moqdijin biżżejjed	It-tnaqqis tal-Inugwaljanzi fit-teħid tal-Vaċċini fir-Reġjun Ewropew – L-involvement ta' komunitajiet li mhumix moqdijin biżżejjed (RIVER-EU) huwa proġett ta' ħames snin iffinanzjat mill-UE (2021–2026) li implimenta diversi interventi biex jindirizza l-ostakli tas-sistema tas-saħħa għat-tilqim għal gruppi li mhumix moqdijin biżżejjed f'erba' pajjiżi Ewropej: Il-Greċja, il-Polonja, in-Netherlands u s-Slovakkja. RIVER-EU beda billi studja l-ostakli u l-faċilitaturi għall-aċċess għat-tilqim f'kull grupp mhux moqdi biżżejjed, abbażi tal-Blokok Kostitwenti tas-Sistema tas-Saħħa tad-WHO [75]. Barra minn hekk, rieżami realistiku identifika 36 intervent effettiv tas-sistema tas-saħħa biex jittejjeb it-teħid tat-tilqim f'komunitajiet li mhumix moqdijin biżżejjed. Abbażi ta' daww is-sejbiet, saret "riċerka parteċipatorja dwar it-trasferibbiltà" f'kull kuntest biex jiġu identifikati u magħżula interventi utli u potenzjalment trasferibbli biex jingħelbu l-ostakli u jissaħħu l-faċilitaturi f'kollaborazzjoni mal-gruppi rilevanti kollha tal-partijiet ikkonċernati mill-kuntest fil-mira rispettiv [76]. Dawn kienu jinkludu, pereżempju, il-ġenituri, l-adolesxenti, il-prattikanti, l-għalliema tal-iskejjel, l-awtoritajiet mediċi u lokali, l-NGOs, u daww li jfasslu l-politika. L-intervent li b'mod indipendenti nstab li huwa l-aktar utli u magħżul mill-pajjiżi kollha kien "intervent tal-promotur tas-saħħa". Il-promoturi tas-saħħa jisfruttaw l-allinjament kulturali u lingwistiku tagħhom mal-komunità mhux moqdija biżżejjed biex jipprovdu informazzjoni mfassla apposta dwar it-tilqim, jgħinu biex jingħelbu l-ostakli speċifiċi għall-komunità, jibnu l-fiduċja, u jappoġġaw lill-individwi fin-navigazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa biex jaċċessaw it-tilqim. Barra minn hekk, ġew ikkunsidrati b'mod individwali approċċi ta' intervent ulterjuri minn interventi oħrajn ibbażati fuq l-evidenza skont il-kuntest speċifiku [76]. Abbażi tal-evidenza tal-promoturi tas-saħħa f'ambjenti oħrajn, kull pajjiż fassal l-intervent b'elementi ta' intervent speċifiċi u forum ta' twassil għall-implimentazzjoni għall-kuntest speċifiku tagħhom, bl-użu tar-riżultati tal-analiżi tat-trasferibbiltà parteċipattiva [77,78]. Fl-ambjenti kollha, l-involvement tal-professjonisti tas-saħħa, primarjament it-tobba, kien aspett importanti tal-aċċettabbiltà. Il-professjonisti tas-saħħa jew ġew imħarrġa bħala promoturi tas-saħħa huma stess (il-Polonja), jew akkoppjati ma' promotur tas-saħħa (il-Greċja, in-Netherlands) jew kienu preżenti biex jipprovdu informazzjoni medika speċjalizzata meta kien meħtieġ (is-Slovakkja). Is-sejba komuni ewlenija kienet li l-intervent huwa adattabbli, flessibbli u jirrispondi għall-ħtiġijiet tal-komunità fuq il-post biex jitneħħew l-ostakli għall-aċċess għat-tilqim. RIVER-EU żamm fokus fuq il-perspettivi tal-membri tal-komunità nfushom permezz ta' riċerka parteċipatorja.	Fiduċja, Restrizzjonijiet, Kompjaċenza, Kalkoku
Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja [35]	Professjonisti GħAS-Saħħa (PFH), Il-professjonisti kollha tas-saħħa u tal-kura soċjali involuti fit-tilqim tal-migranti li jkunu għadhom kif waslu	L-aċċess għat-Tilqim għall-Migranti li jkunu Għadhom Kif Waslu (AcToVax4NAM) kien proġett ta' tliet snin u nofs, iffinanzjat mill-programm EU4Health. Il-proġett AcToVax4NAM uża metodoloġija komprensiva u multidimensjonali mmirata lejn it-titjib tal-aċċess u t-teħid tat-tilqim fost il-migranti li jkunu għadhom kif waslu fl-UE/fiż-ŻEE. Il-proġett żviluppa għodda ta' qafas kunċettwali komprensiva li tirrappreżenta l-proċess kollu tat-tilqim, u qasamha f'ħames	Restrizzjonijiet

		ċentri: l-intitolament, l-aċċessibbiltà, l-aderenza, il-kisba, u l-evalwazzjoni. L-għodda hija utli għall-karatterizzazzjoni tal-ostakli tas-sistema u l-proponiment ta' soluzzjonijiet biex dawn jingħelbu. Sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-professionisti tas-saħħa u tal-kura soċjali, AcToVax4NAM fassal taħriġ speċjalizzat u speċifiku għall-pajjiż iffukat fuq kwistjonijiet tal-Litteriżmu Organizzazzjonali tal-Vaċċini u tal-Kompetenza Kulturali. Għodod oħra żviluppati jinkludu Glossarju ta' Termini Essenzjali dwar it-Tilqim li għandu l-għan li jżid ir-rispons tas-sistema tas-saħħa għal kwistjonijiet ta' litteriżmu dwar il-vaċċini, filwaqt li jinforma u jikkondividi, b'mod li jista' jintuża faċilment, informazzjoni essenzjali relatata mal-vaċċini. Il-glossarju huwa primarjament immirat lejn il-professionisti kollha mhux tas-saħħa li fix-xogħol tagħhom ta' kuljum jiltaqgħu mal-migranti li jkunu għadhom kif waslu u għalhekk jistgħu jippromwovu s-saħħa tagħhom u jistednuhom għat-tilqim. Ġew prodotti wkoll flowcharts biex jgħinu lill-pajjiżi jidentifikaw ostakli speċifiċi u japplikaw soluzzjonijiet immirati fil-kuntest speċifiku tagħhom. Hija disponibbli wkoll bażi tad-<i>data</i> ta' għodod identifikati u żviluppati għodda li hija faċli biex tintuża. Ir-riżultati kollha tal-proġett, flimkien mas-soluzzjonijiet ittestjati u r-rakkomandazzjonijiet finali, huma disponibbli mis-sit web tal-proġett.	
--	--	--	--

Kif għandu jintuża l-qafas tal-5 Stadji tad-WHO għall-istrutturar tal-iżvilupp ta' strateġiji u interventi ta' aċċettazzjoni tat-tilqim

Il-“5 Stadji għall-applikazzjoni tax-xjenza tal-imġiba” tad-WHO huwa qafas bi stadju wara l-ieħor li jista' jkun utli għall-istrutturar tal-iżvilupp ta' strateġiji u interventi ta' aċċettazzjoni tat-tilqim [2]. Dan juża approċċ ta' “ħsieb dwar is-sistemi” – li jqis kif partijiet differenti ta' sistema jinteraġixxu u jinfluwenzaw lil xulxin – biex jindirizza l-kumplessità tal-kwistjonijiet tas-saħħa pubblika. Din it-taqsimat tipprovdi struzzjonijiet dwar kif il-qafas tal-5 Stadji jista' jiġi applikat għall-iżvilupp ta' strateġiji u interventi ta' aċċettazzjoni tat-tilqim, inkluż kif għandhom jiġu inkorporati l-għodod u l-metodi ppreżentati f'dan ir-rapport f'dan il-proċess.

Il-5 Stadji jinkludu:

- Stadju 1: **id-definizzjoni** tal-problema f'termini ta' mġiba;
- Stadju 2: **id-dijanjożi** tal-faċilitaturi u l-ostakli għall-imġiba identifikata;
- Stadju 3 **it-tfassil** tal-istrateġija sabiex jittieħed kont tal-ħtiġijiet tal-udjenzi speċifiċi;
- Stadju 4: **l-implimentazzjoni** tal-istrateġija, u
- Stadju 5: **l-evalwazzjoni** tal-intervent sabiex jinkiseb it-tagħlim u jsiru aġġustamenti kif meħtieġ.

Stadju 1: Iddefinixxi

L-ewwel stadju huwa li tagħżel imġiba fil-mira għall-intervent billi tqis l-impatt probabbli tal-bidla fl-imġiba fuq ir-riżultat li tfittex li tinfluwenza, u l-fattibbiltà li tbiddel l-imġiba u tkejjel il-bidla. Id-definizzjoni ta' mġiba fil-mira li tkun speċifika kemm jista' jkun se tagħmilha aktar faċli li wieħed jiffoka fuq l-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-intervent.

Fi kliem sempliċi, biex tiddefinixxi l-problema f'termini ta' mġiba, ikkunsidra “min” jeħtieġ li jagħmel “xiex” b'mod differenti, kif ukoll “fejn”, “meta” u “kemm-il darba” jeħtieġ li jagħmel dan. Huwa importanti li tiġi kkunsidrata l-imġiba ta' persuni oħra, kif ukoll dawk tal-grupp fil-mira.

Ikkunsidra l-mistoqsijiet li ġejjin:

- L-imġiba ta' min trid tinbidel?
- X'imġiba għandha tinbidel? Min jeħtieġ jagħmel xiex b'mod differenti?
- Fejn jeħtieġ li jagħmlu dan?
- Meta u kemm-il darba jeħtieġ li jagħmlu dan?

Stadju 2: Iddijanjożika

It-tieni stadju jinvolvi d-dijanjożi ta' ostakli u faċilitaturi għall-imġiba mixtieqa, kemm jekk dan ifisser li tiġi adottata mġiba mixtieqa, titwaqqaf imġiba mhux mixtieqa, jew tinbidel l-imġiba. L-ostakli u l-faċilitaturi jistgħu jkunu jinsabu

fi ħdan persuna (eż. l-abbiltajiet, il-motivazzjonijiet), l-ambjent soċjali u kulturali tagħha (eż. x'jaġhmlu/xjistennew oħrajn, konxjament jew mhux konxjament), jew lil hinn (eż. l-infrastruttura, l-affordabbiltà).

L-għodda ta' s'tħarriġ (it-Taqsima 2.1), li hija bbażata fuq il-Mudell tal-5Cs (il-Kompjaċenza, il-Konvenjenza, il-Fiduċja, il-Kalkolu u r-Responsabbiltà Kollettiva), tappoġġa l-għbir tad-*data* għad-dijanjożi tal-ostakli u l-faċilitaturi tat-tilqim, u b'hekk tippermetti fehim ta' x'jeħtieġ jinbidel biex jittejjeb it-teħid. L-għodda tal-istħarriġ tista' tintuża jew b'mod trasversali (bħal ritratt meħud fil-ħin) jew b'mod lonġitudinali (maż-żmien).

L-għodda ta' s'tħarriġ tinkludi kemm mistoqsijiet kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, kif ukoll mistoqsijiet biex tingābar informazzjoni soċjodemografika. Il-kombinazzjoni ta' mistoqsijiet kwantitattivi u kwalitattivi f'approċċ ta' metodi mħallta se tgħin biex jiġi pprovdut għarfien aktar fil-fond minn perspettivi multipli, li jgħin biex jiġu identifikati aħjar l-oqsma għal interventi mmirati.

Anke fil-kuntest tal-iskarsezza ta' għarfien espert u riżorsi, id-dijanjożi hija stadju li għandu jiġi kopert b'mod sistematiku qabel ma jsir progress fit-tfassil ta' strateġiji u interventi effettivi.

Ikkunsidra l-mistoqsijiet li ġejjin:

- X'inhuma l-ostakli tal-imġiba u l-faċilitaturi għall-aċċettazzjoni tat-tilqim?
- Liema mill-5Cs huma importanti għall-grupp(i) tal-popolazzjoni mmirata/i fir-rigward tat-tilqim speċifiku?
- Hemm aktar minn wieħed mill-5Cs li huma importanti għal xi gruppi tal-popolazzjoni fir-rigward tat-tilqim speċifiku?

Stadju 3: Fassal

Is-sejbiet mill-Istadju 2 (Dijanjożi) jipprovdu l-bażi għat-tfassil tal-istrateġiji u l-interventi li l-aktar probabbli jkollhom impatt pożittiv fuq it-tilqim. Il-librerija ta' interventi sabiex tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tilqim, ippreżentata aktar kmieni f'din it-Taqsima, tipprovdi eżempji konkreti li jistgħu jspiraw u jinformaw it-tfassil ta' strateġiji u interventi mfasslin apposta għal Cs partikolari.

L-istrateġiji u l-interventi għandhom jifasslu apposta biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-preferenzi uniċi tal-popolazzjoni fil-mira. Dawn għandhom jifasslu b'mod konġunt mal-popolazzjoni fil-mira u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, u x'aktarx li jkollhom l-akbar impatt meta jinkludu taħlita ta' interventi li jistgħu jaħdmu b'mod sinerġistiku flimkien.

Ikkunsidra l-mistoqsijiet li ġejjin:

- Liema strateġiji u interventi jistgħu jimmotivaw u/jew jiffaċilitaw l-imġiba fil-mira?
- L-istrateġiji u l-interventi huma aċċettabbli u xierqa għall-ħtiġijiet u l-preferenzi uniċi tal-popolazzjoni fil-mira?
- L-istrateġiji u l-interventi magħżula tiegħek jinvolvu taħlita ta' approċċi sinerġistiċi, pereżempju li jkopru aktar minn wieħed mill-5Cs?

Stadju 4: Implimenta

L-ippjanar tal-implimentazzjoni ta' strateġija jew intervent f'termini ta' xiex, fejn, meta u min huwa l-istadju li jmiss. Pjan ta' intervent dettaljat, li jinkludi komponenti speċifiċi (eż. il-mod ta' twassil, il-fornitur, l-issettjar) u l-ostakli u l-faċilitaturi potenzjali relatati ma' kull komponent, jista' jkun utli. It-teħid ta' vantaġġ mis-sinerġiji ma' inizjattivi lokali, nazzjonali u internazzjonali oħra, bħall-Ġimgħa Ewropea tal-Immunitazzjoni, jista' jgħin biex jiżdied l-ilħuq u l-appoġġ[80].

Il-kotfassil mal-udjenza fil-mira jista' jiġi ingranat biex jiżdiedu l-possibiltajiet ta' implimentazzjoni b'suċċess. Flimkien mal-għajnuna biex tiżdied l-aċċettabbiltà mal-udjenza fil-mira tiegħek u ma' partijiet ikkonċernati importanti oħra (bħal dawk li jwassluha), il-ħidma ma' rappreżentanti mill-udjenza fil-mira tista' tgħin ukoll biex jiġu identifikati ostakli u faċilitaturi importanti tal-implimentazzjoni.

Eżempji ta' ostakli għall-implimentazzjoni u faċilitaturi jinkludu:

- Il-kostijiet għan-nies li jaċċessaw l-intervent, eż. dan huwa intervent li jiswa ftit/jiswa ħafna għall-udjenza fil-mira tiegħek?
- L-integrazzjoni f'sistema usa', eż. l-intervent tiegħek kif jintegra fil-flussi tax-xogħol eżistenti? Hemm xiri sfurzat minn partijiet ikkonċernati oħrajn?
- Ir-restrizzjonijiet teknoloġiċi, eż. l-udjenza fil-mira tiegħek għandha aċċess għall-internet u l-ħiliet tal-litteriżmu diġitali?
- Restrizzjonijiet ta' ħin, eż. l-udjenza fil-mira tiegħek għandha l-ħin biex tinvolvi ruħha fl-intervent tiegħek?
- Il-kuntest politiku, eż. il-kuntest politiku usa' kif jista' jkollu impatt fuq l-intervent tiegħek?
- L-aċċess fiżiku, eż. l-udjenza fil-mira tiegħek hija fiżikament kapaċi li taċċessa l-intervent tiegħek jew hija mobbli wisq f'termini ta' bidliet fil-post?

Ikkunsidra l-mistoqsijiet li ġejjin:

- B'liema mod se jitwassal l-intervent, eż. wiċċ imb wiċċ, media diġitali, media stampata, applikazzjoni mobbli?
- X'kontenut għandu jitwassal?
- Min se jwassal il-kontenut?

- Fejn se ssir l-implimentazzjoni?
- Matul liema perjodu ta' żmien se sseħħ l-implimentazzjoni?

Stadju 5: Evalwazzjoni

L-evalwazzjoni hija komponent essenzjali ta' kwalunkwe strateġija jew intervent, sabiex wieħed jifhem jekk l-oġġettivi humiex qed jintlaħqu, biex jintwera l-impatt u biex jiġi informat kwalunkwe aġġustament meħtieġ matul it-triq. B'mod konkret, l-evalwazzjoni tista' tgħin biex:

- Tinġabar evidenza dwar l-effikaċja ta' intervent;
- Jinftiehem għaliex intervent irnexxa (jew le) u għal min irnexxa;
- Jiġu identifikati eżiti mhux mistennija;
- Tiġi stmata l-ġeneralizzabbiltà ta' programm;
- Jiġi ġġustifikat l-użu tar-riżorsi;
- Isiru aġġustamenti jew titjib fl-intervent abbażi tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

Hemm tliet tipi ewlenin ta' evalwazzjoni relatati ma' fażijiet differenti tal-istrateġija jew l-intervent:

- Evalwazzjoni tal-proċess – X'tip ta' attivitajiet relatati mal-istrateġija jew mal-intervent jistgħu jiġu mmonitorjati?
- Evalwazzjoni tal-eżitu – Tista' tinstilet xi konklużjoni dwar l-effett tal-istrateġiji u l-interventi, li normalment tipprovdli paraguni bejn qabel (l-intervent) u wara (eż. bidliet fl-għarfien, fl-attitudnijiet jew fl-imġiba)?
- Evalwazzjoni tal-impatt: X'impatt kellhom l-istrateġiji u l-interventi fuq it-teħid tat-tilqim (eż. bidliet potenzjali fil-kopertura tat-tilqim fil-popolazzjoni f'riskju)?

L-evalwazzjoni fuq skala iżgħar tista' tiġġenera *data* u għarfien utli għall-irfinar u l-kuntestwalizzazzjoni ta' strateġija jew intervent għal impatt akbar fuq is-saħħa qabel ma ssir fuq skala akbar. Id-*data* tista' tinġabar minn diversi sorsi, inklużi rieżamijiet ta' dokumenti, kif ukoll għir ta' *data* primarja bl-użu ta' metodi kwalitattivi u/jew kwantitattivi.

Gwida dettaljata dwar kif għandu jiġi evalwat l-impatt tal-interventi li jindirizzaw l-imġiba tas-saħħa, inklużi kunsiderazzjonijiet u għodod, ġiet ippubblikata mid-WHO[81].

Ikkunsidra l-mistoqsijiet li ġejjin:

- L-istrateġija jew l-intervent huma fattibbli u aċċettabbli?
- L-istrateġija jew l-intervent twasslu kif maħsub?
- X'bidliet fl-imġiba fil-mira jistgħu jiġu osservati li jistgħu jkunu attribwibbli għall-istrateġija jew għall-intervent?

Referenzi

1. European Centre for Disease Prevention and Control. Facilitating COVID-19 vaccination acceptance and uptake in the EU/EEA. Stockholm: ECDC, 2021. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/facilitating-covid-19-vaccination-acceptance-and-uptake>
2. World Health Organization (WHO). Principles and steps for applying a behavioural perspective to public health. Geneva: WHO; 2021. Available at: https://cdn.who.int/media/docs/default-source/documents/bi-tag-technical-note1_principles-and-steps.pdf?sfvrsn=efdefb39_5&download=true
3. Boyce T, Gudorf A, de Kat C, Muscat M, Butler R, Habersaat KB. Towards equity in immunisation. Euro Surveill. 2019;24(2):1800204. Available at: <https://www.eurosurveillance.org/content/10.2807/1560-7917.ES.2019.24.2.1800204>
4. European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC). Threat assessment brief: Measles on the rise in the EU/EEA – Considerations for public health response. Stockholm: ECDC; 2024. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/threat-assessment-brief-measles-rise-eueea-considerations-public-health-response>
5. European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC). Increase of pertussis cases in the EU/EEA. Stockholm: ECDC; 2024. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/increase-pertussis-cases-eueea>
6. European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC). Survey report on national seasonal influenza vaccination recommendations and coverage rates in EU/EEA countries. Stockholm: ECDC; 2024. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/survey-report-national-seasonal-influenza-vaccination-recommendations>
7. European Commission (EC). Council Recommendation of 22 December 2009 on seasonal influenza vaccination. Brussels: EC; 2009. Available at: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reco/2009/1019/oj>
8. European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC). COVID-19 vaccination coverage in the EU/EEA during the 2023–24 season campaigns. Stockholm: ECDC; 2024. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/covid-19-vaccination-coverage-eueea-during-2023-24-season-campaigns-1-september>
9. World Health Organization (WHO). Immunisation Agenda 2030: A global strategy to leave no one behind. Geneva: WHO; 2020. Available at: <https://www.who.int/publications/m/item/immunization-agenda-2030-a-global-strategy-to-leave-no-one-behind>
10. Dubé E, Gagnon D, MacDonald N, Bocquier A, Peretti-Watel P, Verger P. Underlying factors impacting vaccine hesitancy in high income countries: a review of qualitative studies. Expert Rev Vaccines. 2018 Nov;17(11):989-1004.
11. Lane S, MacDonald NE, Marti M, Dumolard L. Vaccine hesitancy around the globe: Analysis of three years of WHO/UNICEF Joint Reporting Form data – 2015–2017. Vaccine. 2018 Jun 18;36(26):3861-7.
12. Larson HJ, Cooper LZ, Eskola J, Katz SL, Ratzan S. Addressing the vaccine confidence gap. Lancet. 2011 Aug 6;378(9790):526-35.
13. Vaccination Acceptance Research Network (VARN) – Sabin Vaccine Institute. VARN2022: Shaping Global Vaccine Acceptance with Localized Knowledge. Washington, DC: Sabin Vaccine Institute; 2022. Available at: <https://www.sabin.org/global-immunization/vaccination-acceptance-research-network/varn2022-conference>
14. Dudley MZ, Privor-Dumm L, Dubé È, MacDonald NE. Words matter: Vaccine hesitancy, vaccine demand, vaccine confidence, herd immunity and mandatory vaccination. Vaccine. 2020 Jan 22;38(4):709-11.
15. World Health Organization (WHO). Behavioural and social drivers of vaccination: tools and practical guidance for achieving high uptake. Geneva: WHO; 2022. Available at: <https://www.who.int/publications/i/item/9789240049680>
16. MacDonald SE, Russell ML, Liu XC, Simmonds KA, Lorenzetti DL, Sharpe H, et al. Are we speaking the same language? an argument for the consistent use of terminology and definitions for childhood vaccination indicators. Hum Vaccin Immunother. 2019;15(3):740-7.
17. Dubé È, Ward JK, Verger P, MacDonald NE. Vaccine Hesitancy, Acceptance, and Anti-Vaccination: Trends and Future Prospects for Public Health. Annu Rev Public Health. 2021 Apr 1;42:175-91.

18. Betsch C, Schmid P, Heinemeier D, Korn L, Holtmann C, Böhm R. Beyond confidence: Development of a measure assessing the 5C psychological antecedents of vaccination. *PLoS One*. 2018;13(12):e0208601.
19. Geiger M, Rees F, Lilleholt L, Santana AP, Zettler I, Wilhelm O, et al. Measuring the 7Cs of vaccination readiness. *Eur J Psychol Assess*. 2022;38(4):261-9.
20. Rees F, Geiger M, Lilleholt L, Zettler I, Betsch C, Böhm R, et al. Measuring parents readiness to vaccinate themselves and their children against COVID-19. *Vaccine*. 2022 Jun 21;40(28):3825-34.
21. Lewandowsky S, Schmid P, Habersaat KB, Nielsen SM, Seale H, Betsch C, et al. Lessons from COVID-19 for behavioural and communication interventions to enhance vaccine uptake. *Commun Psychol*. 2023 Nov 24;1(1):35.
22. MacDonald NE. Vaccine hesitancy: Definition, scope and determinants. *Vaccine*. 2015 Aug 14;33(34):4161-4.
23. European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC). Countering online vaccine misinformation in the EU/EEA. Stockholm: ECDC, 2021. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/countering-online-vaccine-misinformation-eu-eea>
24. European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC). E-learning: how to address online vaccination misinformation. Stockholm: ECDC; 2021. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/news-events/e-learning-how-address-online-vaccination-misinformation>
25. European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC). Effective communication around the benefit and risk balance of vaccination in the EU/EEA. Stockholm: ECDC; 2024. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/effective-communication-around-benefit-and-risk-balance-vaccination-eueea>
26. European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC). Communication on immunisation. Stockholm: ECDC; 2025. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/immunisation-and-vaccines/communication>
27. European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC). European Vaccination Information Portal. Stockholm: ECDC; 2025. Available at: <https://vaccination-info.europa.eu/en>
28. European Commission Directorate-General for Health and Food Safety. Factsheet – Implementation of EU actions to boost vaccine confidence. Brussels: European Commission; 2022.
29. European Commission: Joint Research Centre, Hoffmann M, Baggio M, Krawczyk M. Vaccination demand and acceptance – A literature review of key behavioural insights. Publications Office of the European Union; 2023.
30. European Commission: Joint Research Centre, Baggio M, Krawczyk M, Nohlen H, Pantazi M, et al. Applying lessons from behavioural sciences to vaccination acceptance and demand – Final report. Publications Office of the European Union; 2022. Available at: <https://data.europa.eu/doi/10.2760/420194>
31. The Vaccine Confidence Project. State of vaccine confidence in the European Union. Luxembourg: Publications Office of the European Union; 2022. Available at: <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/b89452df-6958-11ed-b14f-01aa75ed71a1/language-en>
32. Coalition for Vaccination. Brussels: 2025. Available at: <https://coalitionforvaccination.com>
33. European Commission Directorate-General for Health and Food Safety. #UnitedInProtection. Brussels: European Commission. Available at: https://vaccination-protection.ec.europa.eu/index_en
34. Reducing Inequalities in Vaccine uptake in the European Region (RIVER-EU). Reducing Inequalities in Vaccine uptake in the European Region – Engaging Underserved communities. RIVER-EU [Accessed: 11 Apr 2025]. Available at: <https://river-eu.org/>
35. Access to vaccination for newly arrived migrants (Act2Vax4NAM). Results. [Accessed: 11 Apr 2025]. Available at: <https://www.accesstovaccination4nam.eu/results>
36. University of Bristol. The JITSUVAX Project – Jiu Jitsu with misinformation in the age of COVID-19. [Accessed 11 Apr 2025]. Available at: <https://jitsuvax.info>
37. World Health Organization Regional Office for Europe (WHO/Europe). TIP Tailoring Immunization Programmes. Copenhagen: WHO/Europe; 2019. Available at: <https://www.who.int/europe/publications/i/item/9789289054492>
38. Larson HJ, de Figueiredo A, Xiahong Z, Schulz WS, Verger P, Johnston IG, et al. The State of Vaccine Confidence 2016: Global Insights Through a 67-Country Survey. *EBioMedicine*. 2016 Oct;12:295-301.

39. Luyten J, Bruyneel L, van Hoek AJ. Assessing vaccine hesitancy in the UK population using a generalized vaccine hesitancy survey instrument. *Vaccine*. 2019 Apr 24;37(18):2494-501.
40. Oudin Doglioni D, Gagneux-Brunon A, Gauchet A, Bruel S, Olivier C, Pellissier G, et al. Psychometric validation of a 7C-model of antecedents of vaccine acceptance among healthcare workers, parents and adolescents in France. *Nature. Sci Rep* 2023;13:19895. Available at: <https://doi.org/10.1038/s41598-023-46864-9>
41. Marron L, Ferenczi A, O'Brien KM, Cotter S, Jessop L, Morrissey Y, et al. A national survey of parents' views on childhood vaccinations in Ireland. *Vaccine*. 2023 Jun 7;41(25):3740-54.
42. Luyten J, Bruyneel L, van Hoek AJ. Assessing vaccine hesitancy in the UK population using a generalized vaccine hesitancy survey instrument. *Vaccine*. 2019;37(18):2494-501. Available at: <https://doi.org/10.1016/j.vaccine.2019.03.041>.
43. Guest G, Namey E. Sampling: The foundation of good research. In *Sampling: The foundation of good research*. Thousand Oaks, California, USA: SAGE Publications Inc; 2015. Available at: <https://doi.org/10.4135/9781483398839.n17>
44. Stickley T, O'Caithain A, Homer C. The value of qualitative methods to public health research, policy and practice. *Perspect Public Health*. 2022 Jul;142(4):237-40.
45. Moser A, Korstjens I. Series: Practical guidance to qualitative research. Part 3: Sampling, data collection and analysis. *Eur J Gen Pract*. 2018 Dec;24(1):9-18.
46. Gill P, Stewart K, Treasure E, Chadwick B. Methods of data collection in qualitative research: interviews and focus groups. *Br Dent J*. 2008 Mar 22;204(6):291-5.
47. Zhang Y, Wildemuth BM. Qualitative analysis of content. In B. Wildemuth (Ed.), *Applications of Social Research Methods to Questions in Information and Library Science*: Westport, CT: Libraries Unlimited; 2009. Available at: https://pages.ischool.utexas.edu/yanz/Content_analysis.pdf
48. Moira Maguire BD. Doing a thematic analysis: A practical, step-by-step guide for learning and teaching scholars. *Dundalk: All Ireland Journal of Higher Education*; 2017. Available at: <https://ojs.aishe.org/index.php/aishe-j/article/view/335>
49. Michelle K, Jamieson GHG, Pownall M. Reflexivity in quantitative research: A rationale and beginner's guide. 2023;17(4). Available at: <https://doi.org/10.1111/spc3.12735>
50. Stahl NA, King JR. Understanding and Using Trustworthiness in Qualitative Research. *Journal of Developmental Education*. 2020;44(1).
51. Sundhedsstyrelsen [Danish Health Authority]. Sundhedsplejersker som vaccinations-ambassadører [Sundheds nurses as vaccination ambassadors]. Danish. Copenhagen: Sundhedsstyrelsen; 2022. Available at: <https://www.sst.dk/da/Fagperson/Graviditet-og-smaaboern/Barnets-sundhed/Vaccination-af-boern/Boernevaccinationsprogrammet/Sundhedsplejersker-som-vaccinationsambassadoerer>
52. Verger P, Cogordan C, Fressard L, Gosselin V, Donato X, Biferi M, et al. A postpartum intervention for vaccination promotion by midwives using motivational interviews reduces mothers' vaccine hesitancy, south-eastern France, 2021 to 2022: a randomised controlled trial. *Euro Surveill*. 2023 Sep;28(38): 2200819. Available at: <https://www.eurosurveillance.org/content/10.2807/1560-7917.ES.2023.28.38.2200819>
53. Garrison A, Fressard L, Mitilian E, Gosselin V, Berthiaume P, Casanova L, et al. Motivational interview training improves self-efficacy of GP interns in vaccination consultations: A study using the Pro-VC-Be to measure vaccine confidence determinants. *Hum Vaccin Immunother*. 2023 Dec 31;19(1):2163809.
54. Mitilian E, Gosselin V, Casanova L, Fressard L, Berthiaume P, Verger P, et al. Assessment of training of general practice interns in motivational interviews about vaccination. *Hum Vaccin Immunother*. 2022 Nov 30;18(6):2114253.
55. Folkhälsomyndigheten [Swedish Public Health Agency]. Metod för att förstå förändringar i vaccinationstäckning och vaccinationsvilja [A method to understand changes in vaccination acceptance and uptake]. Swedish. Stockholm: Folkhälsomyndigheten; 2024. Available at: <https://www.folkhalsomyndigheten.se/smittskydd-beredskap/vaccinationer/kommunicera-om-vaccinationer/metod-for-att-forsta-forandringar-i-vaccinationstackning-och-vaccinationsvilja>
56. Folkhälsomyndigheten [Swedish Public Health Agency]. Uppföljning av orsaker till lägre vaccinationstäckning [Follow-up of reasons for lower vaccination coverage]. Swedish. Stockholm: Folkhälsomyndigheten; 2022. Available at: <https://www.folkhalsomyndigheten.se/smittskydd-beredskap/vaccinationer/nationella-vaccinationsprogram/uppfoljning-av-vaccinationsprogram/uppfoljning-av-orsaker-till-lagre-vaccinationstackning/>

57. Folkhälsomyndigheten [Swedish Public Health Agency]. Att prata om vaccination inom barnhälsovård, elevhälsa och andra verksamheter [To talk about vaccination in child healthcare, student health and other activities]. Swedish. Stockholm: Folkhälsomyndigheten; 2023. Available at: <https://www.folkhalsomyndigheten.se/publikationer-och-material/publikationsarkiv/a/att-prata-om-vaccination-inom-barnhalsovard-elevhalsa-och-andra-verksamheter-anvandarhandledning-for-verksamhet-som-erbjuder-vaccination>
58. Folkhälsomyndigheten [Swedish Public Health Agency]. Att prata om vaccination – fem steg för att utforska och möta frågor [Talking about vaccination – five steps to explore and meet questions]. Swedish. Stockholm: Folkhälsomyndigheten; 2023. Available at: <https://www.folkhalsomyndigheten.se/publikationer-och-material/publikationsarkiv/a/att-prata-om-vaccination-fem-steg-for-att-utforska-och-mota-fragor>
59. Mino Danmark. Homepage. Copenhagen.. [Accessed: 11 Apr 2025]. Danish. Available at: <https://mino.dk/>
60. Rieck T, Feig M, Deleré Y, Wichmann O. Utilization of administrative data to assess the association of an adolescent health check-up with human papillomavirus vaccine uptake in Germany. *Vaccine*. 2014 Sep 29;32(43):5564-9.
61. Robert Koch Institute Germany (RKI). Intervention Study to Increase HPV Vaccination Coverage in Germany. Berlin: RKI; 2023. Available at: <https://www.rki.de/EN/Topics/Infectious-diseases/Immunisation/Research-projects/invest-hpv.html?nn=16781014>
62. Bulgarian Ministry of Health. Специализиран сайт за имунизациите в България [Specialized site for immunizations in Bulgaria]. Bulgarian. Sofia: Bulgarian Ministry of Health [Accessed: 11 Apr 2025]. Available at: <https://www.плюсмен.бг>
63. Sundhedsstyrelsen [Danish Health Authority]. Særligt målrettede vaccinationsindsatser [Specially targeted vaccination efforts]. Danish. Copenhagen: Sundhedsstyrelsen; 2022. Available at: https://www.sst.dk/-/media/Udgivelser/2022/Corona/Vaccination/SAERLIGT-MAALRETTEDE-VACCINATIONSINDSATSER.ashx?sc_lang=da&hash=9D6B47A611387F5C363CEA4506EDAF43
64. Sundhedsstyrelsen [Danish Health Authority]. Evaluering af den nære vaccinationsindsats [Evaluation of the vaccination efforts]. Danish. Copenhagen: Sundhedsstyrelsen; 2021. Available at: <https://www.sst.dk/-/media/Udgivelser/2021/Corona/Vaccination/Evaluering-af-den-saerlige-vaccinationsindsats-i-uge-22-til-25-2021.ashx>
65. Government of Greece. Εμβολιασμός κατά της COVID-19 [Vaccination against COVID-19]. Greek. Athens: Government of Greece; 2022. Available at: <https://emvolio.gov.gr>
66. Leader reporter. Covid-19 vaccination clinic to open at University Maternity Hospital Limerick. Limerick: Limerick Live; 2021. Available at: <https://www.limerickleader.ie/news/coronavirus/666433/covid-19vaccinationclinic-to-open-at-university-maternity-hospital-limerick.html>
67. Health Service Executive (HSE) Ireland. Translated COVID-19 information. Dublin: HSE Ireland; 2024. Available at: <https://www.hse.ie/eng/services/covid-19-resources-and-translations/translated-covid19-information>
68. Niamh Griffin. Vaccine uptake among homeless people reaches 80%. Dublin, Cork: Irish Examiner; 2021. Available at: <https://www.irishexaminer.com/news/arid-40308689.html>
69. Official Statistics Portal Lithuania. Šaltojo sezono skiepai [Cold season starting]. Lithuanian. Vilnius: Official Statistics Portal Lithuania. [Accessed: 11 Apr 2025]. Available at: <https://osp.stat.gov.lt/skiepu-svieslente>
70. RÚVZ so sídlom v Rožňave [Rožňava Regional Health Office]. VIDEOSPOT - Vakcinačná kampaň RÚVZ Rožňava [Vaccination campaign of the Rožňava Regional Health Office]. Slovak. Rožňava: Rožňava Regional Health Office; 2021. Available at: <https://www.youtube.com/watch?v=ODsVbK2AUJs>
71. HIV Point. Homepage (English). Helsinki: HIV Point. [Accessed: 11 Apr 2025]. Available at: <https://hivpoint.fi/en>
72. Folkehelseinstituttet [Norwegian Institute of Public Health]. Kikhostevaksine til gravide [Whooping cough vaccine for pregnant women]. Norwegian. Oslo: Folkehelseinstituttet; 2025. Available at: <https://www.fhi.no/va/kikhostevaksine-til-gravide>
73. Folkehelseinstituttet [Norwegian Institute of Public Health]. Innføring av tilbud om gratis kikhostevaksine til gravide [Introduction of offer of free whooping cough vaccine for pregnant women]. Norwegian. Oslo: Folkehelseinstituttet; 2025. Available at: <https://www.fhi.no/va/kikhostevaksine-til-gravide/om-innforingen-av-kikhostevaksine-til-gravide/>
74. Holford D, Schmid P, Fasce A, Lewandowsky S. The empathetic refutational interview to tackle vaccine misconceptions: Four randomized experiments. *Health Psychology*. 2024;43(6):426-37.

75. World Health Organization (WHO). Monitoring the building blocks of health systems: A handbook of indicators and their measurement strategies. Geneva: WHO; 2010. Available at: <https://iris.who.int/handle/10665/258734>
76. Schloemer T, Schröder-Bäck P. Criteria for evaluating transferability of health interventions: a systematic review and thematic synthesis. Implement Sci. 2018 Jun 26;13(1):88.
77. Molokwu J, Dwivedi A, Mallawaarachchi I, Hernandez A, Shokar N. Tiempo de Vacunarte (time to get vaccinated): Outcomes of an intervention to improve HPV vaccination rates in a predominantly Hispanic community. Prev Med. 2019 Apr;121:115-20.
78. Parra-Medina D, Morales-Campos DY, Mojica C, Ramirez AG. Promotora Outreach, Education and Navigation Support for HPV Vaccination to Hispanic Women with Unvaccinated Daughters. J Cancer Educ. 2015 Jun;30(2):353-9.
79. Willis N, Hill S, Kaufman J, Lewin S, Kis-Rigo J, De Castro Freire SB, et al. 'Communicate to vaccinate': the development of a taxonomy of communication interventions to improve routine childhood vaccination. BMC Int Health Hum Rights. 2013 May 11;13:23.
80. World Health Organization Regional Office for Europe (WHO/Europe). European Immunization Week. Copenhagen: WHO/Europe; 2025. Available at: <https://www.who.int/europe/campaigns/european-immunization-week>
81. World Health Organization Regional Office for Europe (WHO/Europe). Evaluating the impact of interventions addressing health behaviour: considerations and tools for policy-makers. Copenhagen: WHO/Europe; 2024. Available at: <https://www.who.int/europe/publications/i/item/WHO-EURO-2024-10200-49972-75147>

**European Centre for Disease
Prevention and Control (ECDC)**

Gustav III:s Boulevard 40
16973 Solna, Sweden

Tel. +46 858 60 10 00
ECDC.info@ecdc.europa.eu

www.ecdc.europa.eu



Publications Office
of the European Union